ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 67

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

6 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/130/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku** 1

Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku 3

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ottubru 2011

dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku

(2012/130/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Unjoni hija kompetenti li tadotta miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar taħt il-politika komuni tas-sajd u li tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE [2], l-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, li teżiġi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkooperaw fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

(3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE [3], l-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, b'rabta mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.

(4) Fis-17 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex, f'isem il-Komunità, tinnegozja Konvenzjoni dwar Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) fin-Nofsinhar tal-Paċifiku għar-riżorsi tas-sajd li għadhom mhumiex koperti b'RMFO eżistenti.

(5) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess f'Auckland, New Zealand, fl-14 ta' Novembru 2009 permezz tal-adozzjoni ta' abbozz ta' test tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni"), li, taħt l-Artikolu 36(1) tagħha, hija miftuħa għall-iffirmar għal perjodu ta' 12-il xahar mill-1 ta' Frar 2010. Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata f'isem l-Unjoni fis-26 ta' Lulju 2010, suġġett għall-konklużjoni tagħha, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/189/UE [4].

(6) L-għan tal-Konvenzjoni hu li, permezz tal-implimentazzjoni effettiva tagħha, tiżgura konservazzjoni u użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni.

(7) Ladarba l-bastimenti li jtajru l-bandieri tal-Istati Membri tal-Unjoni jistadu għal riżorsi fiż-żona tal-Konvenzjoni, huwa fl-interess tal-Unjoni li taqdi rwol effikaċi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

(8) Il-Konvenzjoni għandha għalhekk tiġi approvata,

[1] Il-kunsens tat-13 ta' Settembru 2011 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali)
[2] ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.
[3] ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.
[4] ĠU L 81, 29.3.2011, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li, f'isem l-Unjoni, jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni mal-Gvern ta' New Zealand li jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala Depożitarju tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 36(3) tal-Konvenzjoni ([1]).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

J. FEDAK

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

TRADUZZJONI

KONVENZJONI

dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku

IL-PARTIJIET KONTRAENTI

IMPENJATI li jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul ta' riżorsi tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku u li meta jagħmlu hekk ikunu qed iħarsu l-ekosistemi tal-baħar fejn ikun hemm ir-riżorsi;

JIFTAKRU dwar id-dritt internazzjonali rilevanti kif rifless fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, fil-Ftehim għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-4 ta' Diċembru 1995 u fil-Ftehim għall-Promozzjoni tal-Konformità ma' Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Ġestjoni minn Bastmenti tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa tal-24 ta' Novembru 1993, u jieħdu kont tal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottata mill-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tmienja u għoxrin sessjoni tagħha fil-31 ta' Ottubru 1995;

JIRRIKONOXXU li skont id-dritt internazzjonali rifless fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet imsemmija hawn fuq, l-Istati għandhom id-dmir li jikkooperaw flimkien għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi ħajjin fiż-żoni ta' ibħra miftuħa u, skont il-każ, li jikkooperaw biex jitwaqqfu organizzazzjonijiet jew arranġamenti subreġjonali jew reġjonali tas-sajd bl-objettiv li jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta' riżorsi bħal dawn;

IQISU li, skont id-dritt internazzjonali rifless fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, l-Istati tal-kosta għandhom ibħra taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali li fihom huma jeżerċitaw id-drittijiet sovrani tagħhom biex jesploraw, jisfruttaw, jikkonservaw u jiġġestixxu riżorsi tas-sajd u biex jikkonservaw riżorsi ħajjin tal-baħar li fuqhom is-sajd iħalli impatt;

JIRRIKONOXXU konsiderazzjonijiet ekonomiċi u ġeografiċi u r-rekwiżiti speċjali tal-Istati li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari l-anqas żviluppati fosthom, u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u territorji u possessjonijiet, u l-komunitajiet tagħhom tal-kosta, b'rabta mal-konservazzjoni, ġestjoni u żvilupp sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd u profitt ekwu minn dawk ir-riżorsi;

JINNOTAW il-ħtieġa li organizzazzjonijiet u arranġamenti reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd jagħmlu eżami mill-ġdid tal-prestazzjonijiet biex jevalwaw il-livell li qed jilħqu fl-objettivi ta' konservazzjoni u ġestjoni rispettivi tagħhom;

DETERMINATI li jikkooperaw b'mod effikaċi biex jeliminaw sajd mhux rapportat u mhux regolat, u l-impatt ta' ħsara li dan għandu fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd tad-dinja u fuq l-ekosistemi li fihom ikunu jinsabu;

KONXJI mill-ħtieġa li jkunu evitati impatti ta' ħsara fuq l-ambjent tal-baħar, tkun ippriservata l-bijodiversità, tinżamm l-integrità tal-ekosistemi tal-baħar u jitnaqqas ir-riskju ta' effetti fit-tul jew irriversibbli fuq is-sajd;

JAFU li miżuri effikaċi ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom ikunu msejsa fuq l-aħjar tagħrif xjentifiku disponibbli u fuq l-applikazzjoni ta' approċċ kawtelatorju u ta' approċċ ekosistematiku għall-ġestjoni tas-sajd;

KONVINTI li konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar li fihom ikun hemm dawk ir-riżorsi jistgħu jinkisbu malajr bil-konklużjoni ta' konvenzjoni internazzjonali għal dak l-objettiv;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) "Il-Konvenzjoni tal-1982" tfisser il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982;

(b) "Il-Ftehim tal-1995" tfisser il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-Disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-4 ta' Diċembru 1995;

(c) "Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku stabbilita bl-Artikolu 6;

(d) "Żona tal-Konvenzjoni" tfisser dik iż-żona li għaliha tapplika din il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 5;

(e) "Kodiċi ta' Kondotta" tfisser il-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli adottata fit-28 sessjoni tal-Konferenza tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fil-31 ta' Ottubru 1995;

(f) "riżorsi tas-sajd" tfisser il-ħut kollu li qiegħed fiż-Żona tal-Konvenzjoni, u li jinkludu: molluski; krostaċeji; u riżorsi tal-baħar ħajjin oħra kif jistgħu jiġu deċiżi mill-Kummissjoni; iżda teskludi:

(i) speċi sedentarji sakemm dawn ikunu suġġetti għall-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Istati tal-kosta skont l-Artikolu 77, il-paragrafu 4, tal-Konvenzjoni tal-1982;

(ii) speċi li jpassu ħafna kif elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1982;

(iii) speċi anadromi u katadromi; u

(iv) mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar u għasafar tal-baħar;

(g) "sajd" tfisser:

(i) it-tiftix għal riżorsi tas-sajd, il-qbid, it-teħid jew il-ġbir tagħhom, fattwali jew ittentati;

(ii) kwalunkwe attività li, b'mod raġonevoli, issir bl-istennija li jirriżulta l-lok, qbid, teħid u ġarr ta' riżorsi tas-sajd għal kull fini;

(iii) it-trażbord u kwalunkwe operazzjoni fuq il-baħar b'appoġġ jew bi tħejjija għal kull attività deskritta f'din id-definizzjoni; u

(iv) l-użu ta' kwalunkwe bastiment, vettura, inġenji tal-ajru jew aliskaf, b'rabta ma' kull attività deskritta f'din id-definizzjoni;

iżda ma tnkludix kwalunkwe operazzjoni b'rabta ma' emerġenzi li jinvolvu s-saħħa jew is-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ jew is-sikurezza ta' bastiment;

(h) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment użat jew maħsub biex jintuża għas-sajd, inklużi bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, bastimenti ta' assistenza, bastimenti tal-ġarr u kull bastiment ieħor li b'mod dirett jagħmel operazzjonijiet tas-sajd;

(i) "Stat tal-bandiera", tfisser, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor:

(i) Stat li l-bastimenti tas-sajd tiegħu jkunu intitolati jtajru l-bandiera tiegħu; jew

(ii) organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li fiha bastimenti tas-sajd ikunu intitolati jtajru l-bandiera ta' Stat membru ta' dik l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika;

(j) "sajd IUU" tfisser attivitajiet kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO għall-Prevenzjoni, iż-Żamma u l-Eliminazzjoni ta' Sajd Illegali, Mhux Rapportat u Mhux Regolat, u attivitajiet oħra skont kif jista' jkun deċiż mill-Kummissjoni;

(k) "ċittadini" tinkludi persuni kemm naturali kif ukoll ġuridiċi;

(l) "port" tinkludi terminals lil hinn mix-xtut u installazzjonijiet għal inżul fl-art, trażbord, ippakkjar, ipproċessar, teħid ta' fjuwil mill-ġdid u proviżjon mill-ġdid;

(m) "organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika" tfisser organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li lilha l-Istati membri tagħha jkunu għaddewlha l-kompetenza fuq materji koperti minn din il-Konvenzjoni, inkluża l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet li jorbtu lill-Istati membri tagħha fir-rigward ta' dawk il-materji;

(n) "vjolazzjoni gravi" għandha l-istess tifsira bħal dik li tinsab fl-Artikolu 21, il-paragrafu 11, tal-Ftehim tal-1995, u vjolazzjonijiet oħra bħal dawk kif jista' jkun speċifikat mill-Kummissjoni; u

(o) "trażbord" tfisser il-ħatt ta' riżorsi tal-ħut jew ta' prodotti tal-ħut, kollha jew parti minnhom, li joriġinaw minn sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni, minn abbord bastiment tas-sajd għal bastiment ieħor tas-sajd fuq il-baħar jew fil-port.

2. a) "Parti Kontraenti" tfisser kull Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li jkunu taw il-kunsens tagħhom li jkunu marbutin b'din il-Konvenzjoni u li għalihom din il-Konvenzjoni tkun fis-seħħ.

(b) Din il-Konvenzjoni tapplika, *mutatis mutandis*, għal kull entità msemmija fl-Artikolu 305, il-paragrafu 1 (c), (d) u (e), tal-Konvenzjoni tal-1982, li ssir parti ta' din il-Konvenzjoni, u, f'dak ir-rigward, "Parti Kontraenti" tirriferi għal kull entità bħal din.

Artikolu 2

Objettiv

L-objettiv ta' din il-Konvenzjoni huwa li, permezz tal-applikazzjoni tal-approċċ kawtelatorju u tal-approċċ ekosistematiku għall-ġestjoni tas-sajd, ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fit-tul, u meta jsir dan, biex jitħarsu l-ekosistemi tal-baħar li fihom ikunu jinsabu dawn ir-riżorsi.

Artikolu 3

Prinċipji u approċċi ta' konservazzjoni u ġestjoni

1. Meta jwettqu l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni u meta jieħdu deċiżjonijiet skont din il-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti, il-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji stabbiliti taħt il-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 9 għandhom:

(a) japplikaw, b'mod partikulari, il-prinċipji li ġejjin;

(i) il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd għandhom isiru b'mod trasparenti, responsabbli u inklussiv, billi titqies l-aħjar prattika internazzjonali;

(ii) is-sajd għandu jkun proporzjonat mal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd billi jitqiesu l-impatti fuq speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti, u l-obbligu ġenerali li jitħares u jkun ippriservat l-ambjent tal-baħar;

(iii) sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda għas-sajd ma għandhomx jitħallew isiru jew għandhom ikunu eliminati;

(iv) għandha tinġabar, tkun ivverifikata, irrapportata u kondiviża b'mod f'waqtu u xieraq dejta sħiħa u preċiża dwar is-sajd, inkluża informazzjoni dwar l-impatti fuq l-ekosistemi tal-baħar fejn ikun hemm riżorsi tas-sajd;

(v) id-deċiżjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli u fuq il-parir tal-korpi sussidjarji rilevanti kollha;

(vi) il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu promossi biex ikun żgurat li l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni, u li l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikati fir-rigward tal-istess riżorsi tas-sajd f'żoni taħt ġuriżdizzjoni internazzjonali jkunu kompatibbli;

(vii) l-ekosistemi tal-baħar għandhom ikunu protetti, b'mod partikulari dawk l-ekosistemi li wara xi taqlib jieħdu żmien twil biex jirkupraw;

(viii) l-interessi tal-Istati li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari dawk l-anqas żviluppati fosthom u Stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u territorji u possessjonijiet, u l-bżonnijiet ta' komunitajiet li qed jiżviluppaw tal-Istati tal-kosta, għandhom ikunu rikonoxxuti;

(ix) għandha tkun żgurata l-konformità effikaċi ma' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, u l-pieni għal kull vjolazzjoni għandhom ikunu biżżejjed severi biex jiskoraġġixxu vjolazzjonijiet kull fejn isiru u, b'mod partikulari, l-awturi ta' reati għandhom ikunu mċaħħda mill-benefiċċji li jiksbu mill-attivitajiet illegali tagħhom; u

(x) it-tniġġis u l-iskart li joriġinaw minn bastimenti tas-sajd, minn rimi, minn qbid b'irkaptu mitluf jew abbandunat, u impatti fuq speċi oħra u fuq ekosistemi tal-baħar għandhom ikunu mminimizzati; u

(b) japplikaw l-approċċ kawtelatorju u l-approċċ ekosistematiku skont il-paragrafu 2.

2. a) L-approċċ kawtelatorju kif deskritt fil-Ftehim tal-1995 u fil-Kodiċi ta' Kondotta għandu jkun applikat b'mod wiesa' għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd biex dawk ir-riżorsi jkunu protetti u biex ikunu ppriservati l-ekosistemi tal-baħar li fihom ikunu jinsabu; u b'mod partikulari l-partijiet kontraenti, il-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji għandhom:

(i) ikunu aktar kawti meta l-informazzjoni tkun inċerta, mhux affidabbli jew mhux adegwata;

(ii) ma jużawx in-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata bħala raġuni biex jipposponu jew jonqsu milli jieħdu miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni; u

(iii) iqisu l-aħjar prattika internazzjonali fir-rigward tal-applikazzjoni tal-approċċ kawtelatorju, inkluż l-Anness II tal-Ftehim tal-1995 u l-Kodiċi ta' Kondotta.

(b) Għandu jkun applikat b'mod wiesa' approċċ ekosistematiku għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' approċċ integrat li bih deċiżjonijiet fir-rigward tal-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd jitqiesu fil-kuntest tal-funzjonament ta' ekosistemi usa' tal-baħar fejn dawn ikunu jinsabu biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' dawk ir-riżorsi fit-tul, u meta jsir hekk, jitħarsu dawk l-ekosistemi tal-baħar.

Artikolu 4

Kompatibbiltà ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti jagħrfu l-ħtieġa li tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni stabbiliti għal riżorsi tas-sajd li huma identifikati bħala żoni transżonali taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali ta' Stat Parti Kontraenti tal-kosta u tal-ibħra miftuħa maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni, u jirrikonoxxu d-dmir tagħhom li jikkooperaw għal dan il-fini.

2. Miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni stabbiliti għall-ibħra miftuħa u dawk adottati għal żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali għandhom ikunu kompatibbli biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd transżonali kollha kemm huma. Meta jkunu qed jiżviluppaw miżuri kompatibbli ta' konservazzjoni u ġestjoni għal riżorsi tas-sajd transżonali l-Partijiet Kontraenti għandhom:

(a) iqisu l-unità bijoloġika u karatteristiċi bijoloġiċi oħra ta' riżorsi tas-sajd u r-relazzjonijiet bejn it-tqassim tar-riżorsi, l-attivitajiet tas-sajd għal dawk ir-riżorsi u l-partikularitajiet ġeografiċi tar-reġjun konċernat, inkluż safejn ir-riżorsi tas-sajd ikunu jinsabu u kemm isir sajd għalihom fiż-żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali;

(b) iqisu d-dipendenza rispettiva tal-Istati tal-kosta u tal-Istati li jistadu fl-ibħra miftuħa għar-riżorsi tas-sajd konċernati; u

(c) jiżguraw li miżuri bħal dawn ma jħallux impatt ta' ħsara fuq ir-riżorsi ħajjin tal-baħar kollha kemm huma fiż-żona tal-Konvenzjoni.

3. Il-miżuri ta' konservazjoni u ġestjoni tal-bidu tal-Kummissjoni għandhom iqisu kif imiss u mhux jimminaw miżuri eżistenti ta' konservazzjoni u ġestjoni stabbiliti minn Stati Partijiet Kontraenti tal-kosta rilevanti fir-rigward ta' żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali u minn Partijiet Kontraenti fir-rigward ta' bastimenti tal-bandiera tagħhom li jkunu qed jistadu fl-ibħra miftuħa maġemb iż-żona tal-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Żona ta' applikazzjoni

1. Ħlief fejn jingħad mod ieħor, din il-Konvenzjoni tapplika għall-ibħra tal-Oċean Paċifiku lil hinn miż-żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali skont id-dritt internazzjonali:

(a) fil-lvant ta' linja li testendi tul il-meridjan 120° ta' lonġitudni lvant mil-limitu tan-naħa ta' barra tal-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Awstralja lil hinn mill-kosta tan-nofsinhar tal-Awstralja tal-Lvant sal-intersezzjoni mal-parallel 55° ta' latitudni nofsinhar; imbagħad lejn lvant tul il-parallel 55° ta' latitudni nofsinhar sal-intersezzjoni mal-meridjan 150° ta' lonġitudni lvant; imbagħad lejn nofsinhar tul il-meridjan 150° ta' lonġitudni lvant sal-intersezzjoni mal-parallel 60° ta' latitudni nofsinhar;

(b) fil-punent ta' linja li testendi lejn il-lvant tul il-parallel 60° ta' latitudni nofsinhar mill-meridjan 150° ta' lonġitudni lvant sal-intersezzjoni mal-meridjan 67° 16′ ta' lonġitudni punent;

(c) fil-punent ta' linja li testendi lejn it-tramuntana tul il-meridjan 67° 16′ ta' lonġitudni punent mill-parallel 60° ta' latitudni nofsinhar sal-intersezzjoni tagħha mal-limitu ta' barra tal-ġuriżdizzjoni nazzjonali taċ-Ċilì, tal-Peru, tal-Ekwador u tal-Kolombja sal-intersezzjoni mal-parallel 2° ta' latitudni tramuntana; u

(d) fin-nofsinhar ta' linja li testendi lejn il-punent tul il-parallel 2o ta' latitudni tramuntana (iżda mhux inkluża l-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Ekwador (il-Gżejjer Galapagos)) sal-intersezzjoni mal-meridjan 150° ta' lonġitudni punent; imbagħad lejn it-tramuntana tul il-meridjan 150° ta' lonġitudni punent sal-intersezzjoni mal-parallel 10° ta' latitudni tramuntana, imbagħad fil-punent tul il-parallel 10° ta' latitudni tramuntana sal-intersezzjoni mal-limiti ta' barra tal-ġuriżdizzjonai nazzjonali tal-Gżejjer Marshall, imbagħad b'mod ġenerali lejn in-nofsinhar u madwar il-limiti ta' barra tal-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali tal-Istati u territorji tal-Paċifiku, ta' New Zeland u tal-Awstralja sakemm tingħaqad ma' fejn tibda l-linja deskritta fil-paragrafu (a) hawn fuq.

2. Il-Konvenzjoni għandha tapplika wkoll għall-ibħra tal-Oċean Paċifiku lil hinn miż-żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali li jmissu mal-parallel 10° ta' latitudni punent u mal-parallel 20° ta' latitudni nofsinhar u mal-meridjan 135° ta' lonġitudni lvant u mal-meridjan 150° ta' lonġitudni punent.

3. Fejn għall-fini ta' din il-Konvenzjoni jkun meħtieġ li tkun iddeterminata l-pożizzjoni fuq wiċċ id-dinja ta' punt, linja jew żona, dik il-pożizzjoni għandha tkun iddeterminata permezz ta' referenza għas-Sistema Internazzjonali ta' Referenza Terrestri miżmuma mis-Servizz Internazzjonali tar-Rotazzjoni tad-Dinja, li għal finijiet l-aktar prattiċi hija ekwivalenti għas-Sistema Ġeodetika Dinjija tal-1984 (WGS84).

4. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jikkostitwixxi rikonoxximent tat-talbiet jew tal-pożizzjonijiet ta' kwalunkwe mill-Parti Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni dwar l-istat legali u l-limiti ta' ibħra u żoni pretiżi minn kull Parti Kontraenti bħal din.

Artikolu 6

L-Organizzazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti qegħdin b'dan jiftiehmu li jistabilixxu, iżommu u jsaħħu l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku, "l-Organizzazzjoni", li għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha kif stabbilit f'din il-Konvenzjoni biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

2. L-Organizzazzjoni għandha tkun magħmula minn:

(a) Kummissjoni;

(b) Kumitat Xjentifiku;

(c) Kumitat ta' Konformità u Tekniku;

(d) Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Lvant;

(e) Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Punent;

(f) Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazjoni;

(g) Segretarjat,

u kwalunkwe korp ieħor sussidjarju li l-Kummissjoni tista', minn żmien għal żmien, twaqqaf skont l-Artikolu 9, il-paragrafu 1, biex jassistiha f'xogħolha.

3. L-Organizzazzjoni għandu jkollha personalità ġuridika skont id-dritt internazzjonali u għandha tgawdi, fir-relazzjonijiet tagħha ma' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali u fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti, dik il-kapaċità legali li tkun teħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha u tikseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni. L-immunitajiet u l-privileġġi li l-Organizzazzjoni u l-uffiċjali tagħha għandhom igawdu fit-territorju ta' Parti Kontraenti għandhom ikunu suġġetti għal ftehim bejn l-Organizzazzjoni u l-Parti Kontraenti, inkluż, b'mod partikulari, ftehim bejn l-Organizzazzjoni u l-Parti Kontraenti li jkun qed jilqa' għandu s-Segretarjat.

4. Is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għandu jkun fi New Zealand jew f'post ieħor skont kif jista' jkun deċiż mill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni

1. Kull Parti Kontraenti għandha tkun membru tal-Kummissjoni u għandha taħtar rappreżentant wieħed għall-Kummissjoni li jista' jkun akkumpanjat minn rappreżentanti, esperti u konsulenti alternattivi.

2. Il-Kummissjoni għandha teleġġi President u Viċi President minn fost il-Partijiet Kontraenti, li kull wieħed minnhom għandu jservi għal perjodu ta' sentejn u jkun eliġibbli li jiġi elett mill-ġdid, iżda ma għandux iservi għal iżjed minn żewġ termini wara xulxin fl-istess kapaċità. Il-President u l-Viċi President għandhom ikunu rappreżentanti ta' Partijiet Kontraenti differenti.

3. L-ewwel laqgħa tal-Kummisjoni għandha ssir mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni. Wara dik id-data l-President għandu jsejjaħ laqgħa kull sena, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix mod ieħor, f'ħin u lok li għandhom ikunu deċiżi mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha żżomm laqgħat oħra bħal din skont kif ikun meħtieġ, biex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont din il-Konvenzjoni.

4. Il-prinċipju ta' nfiq effikaċi għandu japplika għall-frekwenza, id-dewmien u l-iskedar tal-laqgħat tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha.

Artikolu 8

Il-Funzjonijiet tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, skont l-objettiv, il-prinċipji u l-approċċi, u d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din il-Konvenzjoni, teżerċità l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) tadotta miżuri ta' konservazjoni u ġestjoni biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni, inkluż, skont kif ikun xieraq, miżuri ta' konservazjoni u ġestjoni ta' stokkijiet partikulari tal-ħut;

(b) tiddetermina n-natura u d-daqs tal-parteċipazzjoni fis-sajd għal riżorsi tas-sajd, inkluż, skont il-każ, għal stokkijiet partikulari ta' ħut;

(c) tiżviluppa regoli għal ġbir, verifika, rapportar, ħżin u tixrid tad-dejta;

(d) tippromwovi t-tmexxija ta' riċerka xjentifika biex jitjieb it-tagħrif dwar ir-riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar fiż-Żona tal-Konvenzjoni u tal-istess riżorsi tas-sajd f'ibħra maġenbha u li jkunu taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali, u, b'kollaborazjoni mal-Kumitat Xjentifiku, tistabilixxi proċeduri għat-tmexxija tas-sajd għal riżorsi tas-sajd għal għanijiet xjentifiċi fiż-Żona tal-Konvenzjoni;

(e) tikkoopera u tiskambja dejta ma' membri tal-Kummissjoni u ma' organizzazzjonijiet rilevanti, Stati tal-kosta, territorji u possessjonijiet;

(f) tippromwovi l-kompatibbiltà ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni, f'żoni maġenbha taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali u f'żoni maġenbha f'ibħra miftuħa;

(g) tiżviluppa u tistabillixi proċeduri effikaċi ta' monitoraġġ, kontroll, sorveljanza, konformità u infurzar, inklużi miżuri mhux diskriminatorji relatati mas-suq u mal-kummerċ;

(h) tiżviluppa proċessi b'konformità mad-dritt internazzjonali biex tkun ivvalutata l-prestazzjoni tal-Istati tal-bandiera fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont din il-Konvenzjoni, u tadotta proposti, jekk ikun jixraq, biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' obbligi bħal dawn;

(i) tadotta miżuri biex ma tħallix isir sajd IUU, iżżommu u teliminah;

(j) tiżviluppa regoli għal status ta' Parti mhux Kontraenti kooperatriċi skont din il-Konvenzjoni;

(k) teżamina mill-ġdid l-effikaċja tad-disposizzjonijet ta' din il-Konvenzjoni u tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni biex jintlaħaq l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni;

(l) tagħmel superviżjoni tal-affarijiet organizzattivi, amministrattivi, finanzjarji u affarijiet oħra interni tal-Organizzazzjoni, inklużi r-relazzjonijiet bejn il-korpi kostitwenti;

(m) tiggwida l-korpi sussidjarji tal-Kummissjoni f'xogħolhom;

(n) tadotta b'kunsens il-baġit tal-Organizzazzjoni, ir-regolamenti finanzjarji tal-Organizzazzjoni u kull emenda għalihom, u r-regoli tagħha ta' proċedura, li jistgħu jinkludu proċeduri għal teħid u reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet b'mod intersessjonali;

(o) tadotta u temenda kif ikun meħtieġ kull regolament ieħor neċessarju għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha u ta' dawk tal-korpi sussidjarji tagħha; u

(p) teżerċita kull funzjoni oħra u tieħu kull deċiżjoni oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 9

Korpi sussidjarji

1. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi korpi oħra sussidjarji, b'żieda mal-Kumitat Xjentifiku, il-Kumitat ta' Konformità u Tekniku, il-Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Lvant, il-Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Punent u l-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni, skont kif ikun meħtieġ. Korpi sussidjarji addizzjonali bħal dawn jistgħu jkunu stabbiliti fuq bażi permanenti jew temporanja meqjusin l-implikazzjonijiet tal-ispiża.

2. Fit-twaqqif ta' korpi sussidjarji addizzjonali bħal dawn il-Kummissjoni għandha tipprovdi termini ta' referenza speċifiċi u metodi ta' xogħol, bil-kondizzjoni dejjem li termini ta' referenza speċifiċi bħal dawn ikunu konsistenti mal-objettiv u mal-prinċipji ta' konservazzjoni u ġestjoni u l-approċċi ta' trattament ta' din il-Konvenzjoni u tal-Konvenzjoni tal-1982 u tal-Ftehim tal-1995. Termini ta' referenza u metodi ta' xogħol bħal dawn jistgħu jkunu eżaminati u emendati kif jixraq mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien.

3. Il-korpi sussidjarji kollha għandhom jirrapportaw, jagħtu pariri u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u jikkontribwixxu biex ikun hemm eżami regolari tal-effikaċja ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

4. Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, il-korpi sussidjarji kollha għandhom jieħdu fil-konsiderazzjoni tagħhom ix-xogħol rilevanti ta' korpi sussidjarji oħra stabbiliti mill-Kummissjoni, u, skont il-każ, ix-xogħol ta' organizzazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tas-sajd u x-xogħol ta' korpi rilevanti oħra tekniċi u xjentifiċi.

5. Il-korpi sussidjarji kollha jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma. Korpi sussidjarji jistgħu wkoll jitolbu parir estern skont kif ikun meħtieġ b'konformità ma' kwalunkwe gwida ġenerali jew speċifika mogħtija mill-Kummissjoni.

6. Il-korpi sussidjarji kollha għandhom joperaw skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kummissjoni.

Artikolu 10

Il-Kumitat Xjentifiku

1. Kull membru tal-Kummissjoni jkun intitolat jaħtar rappreżentant wieħed fil-Kumitat Xjentifiku li jista' jkun akkumpanjat minn rappreżentanti u konsulenti alternattivi.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu:

(a) l-ippjanar, it-tmexxija u l-eżami mill-ġdid ta' evalwazzjonijiet xjentifiċi tal-istat ta' riżorsi tas-sajd, inklużi, b'kooperazzjoni mal-Istat Parti jew mal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta rilevanti, riżorsi Transżonali tas-sajd bejn iż-żona tal-Konvenzjoni u żoni taħt ġuridizzjoni nazzjonali;

(b) l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-korpi sussidjarji tagħha msejsa fuq valutazzjonijiet bħal dawn, inkluż, skont il-każ:

(i) punti ta' referenza, inklużi punti ta' referenza kawtelatorja kif deskritti fl-Anness II tal-Ftehim tal-1995;

(ii) strateġiji jew pjanijiet ta' ġestjoni għal riżorsi tas-sajd imsejsa fuq punti ta' referenza bħal dawk; u

(iii) analiżi ta' konservazzjoni u alternattivi għal ġestjoni, bħall-iffissar ta' qbid totali permissibbli jew sforz totali permissibbli ta' sajd f'livelli differenti, li tqis safejn kull alternattiva tista' tikseb l-objettiv jew l-objettivi ta' kull strateġija jew pjan ta' ġestjoni adottati, jew li jkunu qed jiġu kkunsidrati, mill-Kummissjoni;

(c) l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-korpi sussidjarji tagħha dwar l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni, inklużi pariri u rakkomandazzjonijiet dwar l-identifikazzjoni u t-tqassim ta' ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, dwar l-impatti li jista' jkun hemm tas-sajd fuq ekosistemi vulnerabbli tal-baħar bħal dawn u dwar miżuri biex ikunu evitati impatti ta' ħsara sinifikanti fuqhom;

(d) l-inkoraġġiment u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni f'riċerka xjentifika biex jitjieb it-tagħrif dwar l-istat ta' riżorsi tas-sajd u tal-ekosistemi tal-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni, inkluż tagħrif b'rabta ma' riżorsi transżonali tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni u f'żoni transżonali taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali; u

(e) l-għoti ta' pariri xjentifiċi oħra bħal dawk lill-Kummissjoni u lill-korpi sussidjarji tagħha skont kif jidhirlu xieraq, jew skont kif ikun mitlub mill-Kummissjoni.

3. Ir-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu li fejn il-Kumitat Xjentifiku ma jkunx jista' jagħti l-pariri tiegħu b'kunsens, huma għandu jniżżel fir-rapport tiegħu l-fehmiet differenti tal-membri tiegħu. Ir-rapporti tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

4. Il-Kummissjoni, waqt li tqis kull rakkomandazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku, tista' tqabbad is-servizzi ta' esperti xjentifiċi biex jagħtu informazzjoni u pariri dwar ir-riżorsi tas-sajd u l-ekosistemi tal-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni u dwar kull ħaġa relatata li tkun rilevanti għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti xierqa biex perjodikament ikun hemm eżami indipendenti minn pari tar-rapporti, pariri u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku.

Artikolu 11

Il-Kumitat ta' Konformità u Tekniku

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jkun intitolat jaħtar rappreżentant wieħed fil-Kumitat ta' Konformità u Tekniku li jista' jkun akkumpanjat minn rappreżentanti u konsulenti alternattivi.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Konformità u Tekniku għandhom ikunu:

(a) il-monitoraġġ u l-eżami tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u tal-konformità magħhom, adottati skont din il-Konvenzjoni, u l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni;

(b) l-għoti ta' informazzjoni, pariri tekniċi u rakkomandazzjonijiet oħra bħal dik li jqis xierqa jew li jistgħu jintalbu mill-Kummissjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u b'konformità magħhom, u tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni, jew li jkunu qed jitqiesu minnha; u

(c) l-eżami mill-ġdid tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kooperazzjoni għall-monitoraġġ, kontroll, u sorveljanza u infurzar adottati mill-Kummissjoni, u l-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Il-Kumitati Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Lvant u tal-Punent

1. Il-Kumitati Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Lvant u tal-Punent għandhom, fuq inizjattiva tagħhom stess, jew fuq talba tal-Kummissjoni, jiżviluppaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni, skont l-Artikolu 20, u dwar il-parteċipazzjoni fis-sajd għal riżorsi tas-sajd, skont l-Artikolu 21, għall-partijiet taż-żona tal-Konvenzjoni deskritta fl-Anness I. Rakkomandazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu konsistenti ma' kull miżura ta' applikazzjoni ġenerali adottata mill-Kummissjoni u jkun jeħtiġilhom il-kunsens tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati fuq l-affarijiet li dwarhom kunsens bħal dan ikun meħtieġ skont l-Artikolu 20, il-paragrafu 4, u l-Artikolu 21, il-paragrafu 2. Fejn ikun jixraq il-Kumitati għandhom jagħmlu l-isforzi kollha biex jikkoordinaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

2. Il-Kummissjoni tista' b'kunsens temenda l-Anness I f'kull żmien biex taġġusta l-koordinati ġeografiċi li hemm fih. Emenda bħal din ikollha effett mid-data tal-adozzjoni tagħha jew minn kull data oħra speċifikata fl-emenda.

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tassenja lil Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni wieħed ir-responsabbiltà primarja li jiżviluppa u li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu għal riżorsa speċifika tas-sajd, ukoll jekk il-firxa ta' dik ir-riżorsa tkun testendi lil hinn mill-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li għaliha dak il-Kumitat ikollu responsabbiltajiet skont l-Anness I.

4. Kull Kumitat għandu jiżviluppa r-rakkomandazzjonijiet tiegħu abbażi tal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku.

5. a) Il-membri tal-Kummissjoni li jkunu jinsabu maġenb il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li għaliha Kumitat ikollu r-responsabbiltà skont dan l-Artikolu, jew li l-bastimenti tiegħu tas-sajd:

(i) ikunu attwalment qed jistadu f'dik iż-żona; jew

(ii) li jkunu stadu f'dik iż-żona tul l-aħħar sentejn; jew

(iii) ikunu qed jistadu għal riżorsa speċifika tas-sajd assenjata lil dak il-Kumitat skont il-paragrafu 3, inkluż f'żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni,

għandhom ikunu membri ta' dak il-Kumitat.

(b) Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li ma jkunx membru ta' Kumitat, skont is-subparagrafu (a), li jagħti avviż lis-Segretarjat dwar intenzjoni li jistad fi żmien sentejn mill-avviż fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li għaliha Kumitat ikollu r-responsabbiltà skont dan l-Artikolu, għandu jsir membru ta' dak il-Kumitat. Jekk il-membru tal-Kummissjoni li jagħti l-avviż ma jistadx f'dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni fi żmien sentejn mill-avviż, huwa jieqaf milli jkun membru ta' dak il-Kumitat.

(c) Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li ma jkunx membru ta' Kumitat skont is-subparagrafu (a) jew (b) jista' jibgħat rappreżentant biex jieħu sehem fix-xogħol ta' dak il-Kumitat.

(d) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "sajd" jinkludi biss l-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 (g) (i) u (ii).

6. Il-Kumitati Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Lvant u tal-Punent għandhom jagħmlu l-isforzi kollha biex jadottaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni b'kunsens. Jekk ikunu ġew eżawriti l-isforzi kollha biex jintlaħaq ftehim fuq rakkomandazzjoni b'kunsens, rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu adottati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni rilevanti. Rapporti lill-Kummissjoni jistgħu jinkludu fehmiet tal-maġġoranza jew tal-minoranza.

7. Ir-rakkomandazzjonijiet magħmulin skont dan l-Artikolu għandhom ikunu l-bażi ta' miżuri u deċiżjonijiet ta' konservazzjoni u ġestjoni msemmijin fl-Artikoli 20 u 21 rispettivament, li għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.

8. Kull spiża straordinarja magħmula għax-xogħol ta' kull wieħed mill-Kumitati Subreġjonali ta' Ġestjoni għandha titħallas mill-membri tal-Kumitat rilevanti.

Artikolu 13

Il-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jkun intitolat jaħtar rappreżentant wieħed fil-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni li jista' jkun akkumpanjat minn rappreżentanti u konsulenti alternattivi.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni għandhom ikunu li jingħata pariri lill-Kummissjoni dwar il-baġit, dwar iż-żmien u l-lok ta' laqgħat tal-Kummissjoni, dwar pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni, dwar materji relatati mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-persunal tas-Segretarjat u dwar materji oħra finanzjarji u amministrattivi bħal dawk li jistgħu jkun rriferuti lilu mill-Kummissjoni.

Artikolu 14

Is-Segretarjat

1. Is-Segretarjat għandu jaqdi l-funzjonijiet iddelegati lilu mill-Kummissjoni.

2. Il-kap uffiċjal amministrattiv tas-Segretarjat għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv li għandu jinħatar bl-approvazzjoni tal-Partijiet Kontraenti skont dawk it-termini li huma jistabbilixxu.

3. Kull impjegat tas-Segretarjat għandu jinħatar mis-Eżekuttiv skont dawk ir-regolamenti tal-persunal li jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura l-funzjonament effikaċi tas-Segretarjat.

5. Is-Segretarjat, li għandu jkun stabbilit skont din il-Konvenzjoni, għandu jkun ekonomiku fl-infiq. It-twaqqif u l-funzjonament tas-Segretarjat għandhom, skont kif ikun xieraq, iqisu l-kapaċità ta' istituzzjonijiet reġjonali eżistenti li jwettqu ċerti funzjonijiet tekniċi tas-Segretarjat u b'mod aktar speċifiku d-disponibbiltà ta' servizzi b'arranġament kuntrattwali.

Artikolu 15

Il-Baġit

1. Il-Kummissjoni, fl-ewwel laqgħa tagħha, għandha tadotta l-baġit biex tiffinanzja l-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji tagħha, u għandha tadotta wkoll regolamenti finanzjarji. Id-deċiżjonijiet kollha dwar il-baġit u r-regolamenti finanzjarji, inklużi deċiżjonijiet b'rabta mal-kontribuzzjonijiet ta' membri tal-Kummissjoni u mal-formula biex ikunu kkalkulati kontribuzzjonijiet bħal dawn, għandhom jittieħdu b'kunsens.

2. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jikkontribwixxi għall-baġit. L-ammont tal-kontribuzzjonijiet annwali dovuti minn kull membru tal-Kummissjoni għandu jkun taħlita ta' tariffa varjabbli bbażata fuq il-qbid totali minn dak il-membru ta' dawk ir-riżorsi tas-sajd kif jista' jkun speċifikat mill-Kummissjoni, u ta' tariffa bażika, u l-ammont għandu jqis l-istat ekonomiku ta' kull membru. Għal membri tal-Kummissjoni li l-qbid uniku tagħhom fiż-żona tal-Konvenzjoni jkun dak mit-territorji li jmissu maż-żona tal-Konvenzjoni, l-istat ekonomiku għandu jkun dak tat-territorju konċernat. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tista' temenda formula għall-kalkulazzjoni ta' dawn il-kontribuzzjonijiet li għandha tkun stabbilita fir-regolamenti finanzjarji tal-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob u taċċetta kontribuzzjonijiet finanzjarji u forom oħra ta' assistenza minn organizzazzjonijiet, individwi u sorsi oħra għal finijiet relatati mat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jissottometti abbozz tal-baġit annwali għas-sentejn finanzjarji ta' wara lil kull membru tal-Kummissjoni flimkien ma' skeda ta' kontribuzzjonijiet, mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni, fejn il-Kumitat għandu jadotta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni. Fit-tħejjija tal-abbozz tal-baġit is-Segretarjat għandu jqis b'mod sħiħ il-ħtieġa li l-infiq ikun ekonomikament effikaċi, kif ukoll il-gwida tal-Kummissjoni fir-rigward tal-laqgħat tal-korpi sussidjarji li jkunu meħtieġa fis-sena tal-baġit. Kull laqgħa annwali tal-Kummissjoni għandha tadotta baġit għas-sena ta' wara.

5. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tadotta baġit, il-livell tal-kontribuzzjonijiet għall-baġit amministrattiv tal-Kummissjoni għandu jkun stabbilit skont il-baġit għas-sena ta' qabel għall-finijiet tal-ħlas tal-ispejjeż tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara sakemm ikun jista' jiġi adottat baġit ġdid b'kunsens.

6. Wara l-laqgħa annwali tal-Kummissjoni, is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-kull membru tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjoni dovuta minnu kif ikkalkulata skont il-formula adottata mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2, u malajr kemm jista' jkun wara dan kull membru tal-Kummissjoni għandu jħallas il-kontribuzzjoni tiegħu lill-Organizzazzjoni.

7. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jitħallsu fil-munita tal-pajjiż li fih ikun jinsab is-Segretarjat tal-Organizzazzjoni, ħlief meta l-ħlas jkun awtorizzat mod ieħor mill-Kummissjoni.

8. Parti Kontraenti li ssir parti ta' din il-Konvenzjoni matul sena finanzjarja għandha tikkontribwixxi għal dik is-sena finanzjarja parti mill-kontribuzzjoni kkalkulata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu li tkun proporzjonata għall-għadd ta' xhur sħaħ li jkun fadal fis-sena mid-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għal dik il-Parti.

9. Jekk ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kummissjoni, membru tal-Kummissjoni li jkun baqa' lura fil-ħlasijiet tiegħu ta' flus dovuti lill-Organizzazzjoni għal aktar minn sentejn ma għandux jieħu sehem fit-teħid ta' kull deċiżjoni mill-Kummissjoni sakemm ikun ħallas il-flus kollha dovuti minnu lill-Kummissjoni.

10. L-attivitajiet finanzjarji tal-Organizzazzjoni għandhom jitmexxew skont ir-regolamenti finanzjarji adottati mill-Kummissjoni u għandhom ikunu suġġetti għal awditjar annwali minn awdituri indipendenti maħturin mill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Teħid ta' Deċiżjonijiet

1. Bħala regola ġenerali, deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jittieħdu b'kunsens. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "kunsens" tfisser in-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni formali magħmula meta d-deċiżżjoni tkun ittieħdet.

2. Ħlief fejn din il-Konvenzjoni tipprovdi espressament li deċiżjoni għandha tittieħed b'kunsens, jekk min jippresiedi jqis li l-isforzi biex tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens ikunu ġew eżawriti:

(a) deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar materji ta' proċedura għandhom jittieħdu b'maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni li jivvotaw b'mod affermattiv jew negattiv; u

(b) deċiżjonijiet dwar materji ta' sustanza għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tal-Kummissjoni li jivvotaw b'mod affermattiv jew negattiv.

3. Meta tqum il-kwistjoni jekk materja tkunx waħda ta' sustanza jew le, dik il-kwistjoni għandha tkun ittrattata bħala waħda ta' sustanza.

Artikolu 17

Implimentazzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni

1. Deċiżjonijiet dwar materji ta' sustanza adottati mill-Kummissjoni għandhom jorbtu lill-membri tal-Kummissjoni bil-mod kif ġej:

(a) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinnotifika malajr kull deċiżjoni lill-membri kollha tal-Kummissjoni; u

(b) bla ħsara għall-paragrafu 2, id-deċiżjoni għandha torbot lill-membri kollha tal-Kummissjoni 90 jum wara d-data tal-konsenja speċifikata fin-notifika skont is-subparagrafu (a): "id-data tan-notifika".

2. a) Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni jista' jippreżenta lis-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjoni għal deċiżjoni fi żmien 60 jum mid-data tan-notifika: "il-perjodu tal-oġġezzjoni". F'dak il-każ id-deċiżjoni ma tkunx torbot għal dak il-membru tal-Kummissjoni fir-rigward tal-oġġezzjoni, ħlief skont il-paragrafu 3 u l-Anness II.

(b) Membru tal-Kummissjoni li jippreżenta oġġezzjoni għandu fl-istess waqt:

(i) jispeċifika fid-dettall ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni tiegħu;

(ii) jadotta miżuri alternattivi li l-effetti tagħhom ikunu ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha jkun oġġezzjona u li jkollhom l-istess data ta' applikazzjoni; u

(iii) javża lis-Segretarju Eżekuttiv dwar it-termini ta' miżuri alternattivi bħal dawk.

(c) L-uniċi raġunijiet ammissibbli għal oġġezzjoni huma li d-deċiżjoni tiddiskrimina b'mod mhux ġustifikabbli fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru tal-Kummissjoni, jew li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ma' kwalunkwe liġi internazzjonali rilevanti oħra kif riflessa fil-Konvenzjoni tal-1982 jew fil-Ftehim tal-1995.

3. Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni li jkun oġġezzjona għal deċiżjoni jista' fi kwalunkwe waqt jirtira dik l-oġġezzjoni. Id-deċiżjoni għandha mbagħad issir vinkolanti għal dak il-membru skont il-paragrafu 1(b) jew fid-data tal-irtirar tal-oġġezzjoni, skont liema minnhom ikun l-aħħar.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinnotifika malajr lill-membri kollha tal-Kummissjoni:

(a) bl-irċevuta u l-irtirar ta' kull oġġezzjoni; u

(b) bir-raġunijiet għal dik l-oġġezzjoni u bil-miżuri alternattivi adottati, jew proposti li jkunu adottati, skont il-paragrafu 2.

5. a) Meta oġġezzjoni tkun ippreżentata minn membru tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 2, għandu jitwaqqaf Bord ta' Reviżjoni fi żmien 30 jum mit-tmiem tal-perjodu tal-oġġezzjoni. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jitwaqqaf skont il-proċeduri tal-Anness II.

(b) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinnotifika malajr lill-membri kollha tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif tal-Bord ta' Reviżjoni.

(c) Jekk żewġ membri jew aktar tal-Kummissjoni jippreżentaw oġġezzjonijiet imsejsa fuq l-istess raġunijiet, dawk l-oġġezzjonijiet għandhom ikunu ttrattati mill-istess Bord ta' Reviżjoni, li l-membri tiegħu għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness II, il-paragrafu 2.

(d) Jekk żewġ membri jew aktar tal-Kummissjoni jippreżentaw oġġezzjonijiet għal raġunijiet differenti, dawk l-oġġezzjonijiet jistgħu, bil-kunsens tal-membri konċernati tal-Kummissjoni, ikunu ttrattati mill-istess Bord ta' Reviżjoni, li l-membri tiegħu għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness II, il-paragrafu 2. Fin-nuqqas ta' kunsens bħal dan, oġġezzjonijiet b'raġunijiet differenti għandhom ikunu ttrattati minn Bordijiet ta' Reviżjoni separati.

(e) Fi żmien 45 jum mit-twaqqif tiegħu, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv dak li jkun sab u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-raġunijiet speċifikati għall-oġġezzjoni ppreżentata mill-membru jew membri tal-Kummissjoni jkunux ġustifikati u jekk il-miżuri alternattivi adottati jkollhomx effetti ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha l-oġġezzjoni tkun ġiet ippreżentata.

(f) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinnotifika malajr lill-membri kollha tal-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom ikunu ttrattati u jkollhom effett kif stabbilit fl-Anness II.

6. Xejn f'dan Artikolu ma jillimita d-dritt ta' membru tal-Kummissjoni li f'kull waqt jirriferi disputa dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni għal soluzzjoni obbligatorja skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni relatati mar-riżoluzzjoni ta' disputi.

Artikolu 18

Trasparenza

1. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi t-trasparenza fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u f'attivitajiet oħra mwettqin skont din il-Konvenzjoni.

2. Il-laqgħat kollha tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha għandhom ikunu miftuħin għall-parteċipanti u għall-osservaturi kollha reġistrati skont il-paragrafu 4 sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tagħha meta jkunu adottati u għandha żżomm reġistrazzjoni pubblika tar-rapporti u tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni kollha fis-seħħ fiż-żona tal-Konvenzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi t-trasparenza fl-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni permezz ta' tixrid għall-pubbliku ta' informazzjoni li ma tkunx sensittiva kummerċjalment u, fejn jixraq, tiffaĊilita l-konsultazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, rappreżentanti tal-industrija tas-sajd, partikularment il-flotta tas-sajd, u korpi u individwi oħra interessati, u l-parteċipazzjoni tagħhom.

4. Rappreżentanti ta' Partijiet mhux Kontraenti, organizzazzjonijiet intergovernattivi u organizzazzjonijiet mhux governattivi rilevanti, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali u organizzazzjonijiet tal-industrija tas-sajd b'interess f'materji li huma tal-Kummissjoni, għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha, bħala osservaturi jew skont kif ikun xieraq. Ir-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għandhom jipprovdu għal parteċipazzjoni bħal din u ma għandhomx ikunu ristrettivi bla bżonn f'dan ir-rigward. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jipprovdu wkoll biex rappreżentanti bħal dawn ikollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti kollha.

Artikolu 19

Rikonoxximent tar-rekwiżiti speċjali tal-Istati li qed jiżviluppaw

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti rikonoxximent sħiħ tar-rekwiżiti speċjali tal-Istati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, partikularment ta' dawk l-anqas żviluppati fosthom u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun, fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni u tal-użu sostenibbli ta' riżorsi bħal dawn.

2. Meta jwettqu d-dmir li jikkooperaw biex ikunu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal riżorsi tas-sajd koperti minn din il-Konvenzjoni, il-membri tal-Kummissjoni għandhom iqisu r-rekwiżiti speċjali tal-Istati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, b'mod partikulari ta' dawk l-anqas żviluppati fosthom u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun, partikularment:

(a) il-vulnerabbiltà ta' dawn l-Istati li qed jiżviluppaw, territorji u possessjonijiet li huma dipendenti fuq l-isfruttament ta' riżorsi ħajjin tal-baħar, inkluż li jlaħħqu mar-rekwiżiti nutrizzjonali għall-popolazzjonijiet tagħhom jew partijiet minnhom;

(b) il-ħtieġa li jkunu evitati impatti ta' ħsara fuq is-sajd u li jkun żgurat aċċess għalih, permezz ta' sussistenza, ta' sajjieda fuq skala żgħira u f'livell ta' artiġjanat u nisa ħaddiema fis-sajd, kif ukoll ta' nies indiġeni fi Stati Partijiet li qed jiżviluppaw, u f'territorji u possessjonijiet bħal dawn; u

(c) il-ħtieġa li jkun żgurat li miżuri bħal dawn ma jkollhomx ir-riżultat li jkun ittrasferit, direttament jew indirettament, piż sproporzjonat ta' azzjoni ta' konservazzjoni għal fuq Stati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw u territorji u possessjonijiet.

3. Il-membri tal-Kummissjoni għandhom jikkooperaw jew direttament jew permezz tal-Kummissjoni u organizzazzjonijiet reġjonali jew subreġjonali biex:

(a) tissaħħaħ il-ħila tal-Istati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, partikularment dawk l-anqas żviluppati fosthom, u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun, biex jikkonservaw u jiġġestixxu riżorsi tas-sajd u biex jiżviluppaw is-sajd tagħhom stess għal riżorsi bħal dawn;

(b) jgħinu lil Stati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, partikularment lil dawk l-anqas żviluppati fosthom u lil Stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u territorji u possessjonijiet fir-reġjun, biex jagħmluhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-sajd għal riżorsi tas-sajd, inkluż li jkun iffaĊilìtat l-aċċess għal riżorsi tas-sajd bħal dawn, b'mod konsistenti mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 21; u

(c) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-Istati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, partikularment ta' dawk l-anqas żviluppati fosthom u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun, fil-ħidma tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha.

4. Il-kooperazzjoni għall-finijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu tista' tinkludi l-għoti ta' għajnuna finanzjarja, għajnuna b'rabta mal-iżvilupp ta' riżorsi umani, għajnuna teknika, it-trasferiment ta' teknoloġija, inkluż permezz ta' arranġamenti konġunti u ta' servizzi ta' pariri u konsulenza. Għajnuna bħal din għandha, *inter alia*, tkun diretta għal:

(a) titjib fil-konservazzjoni u ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' ġbir, rapportar, verifika, skambju u analiżi ta' dejta tas-sajd u informazzjoni relatata;

(b) valutazzjoni ta' stokkijiet u riċerka xjentifika; u

(c) monitoraġġ, kontroll, sorveljanza, konformità u infurzar, inkluż it-taħriġ u l-formazzjoni ta' ħiliet fil-livell lokali, l-iżvilupp u l-iffinanzjar ta' programmi ta' osservazzjoni nazzjonali u reġjonali u l-aċċess għat-teknoloġija u t-tagħmir.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi fond biex tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni effikaċi tal-Istati Partijiet Kontraenti li qed jiżviluppaw fir-reġjun, partikularment ta' dawk l-anqas żviluppati fosthom u tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, u, skont il-każ, ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun, fil-ħidma tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha. Ir-regolamenti finanzjarji tal-Kummissjoni għandhom jinkludu linji gwida għall-amministrazzjoni tal-fond u tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal għajnuna.

Artikolu 20

Miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni

1. Il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għandhom jinkludu miżuri biex:

(a) tkun żgurata s-sostenibbiltà ta' riżorsi tas-sajd u l-promozzjoni tal-objettiv li dawn jintużaw b'mod responsabbli;

(b) ma jitħallewx jew jitneħħew sajd eċċessiv u l-kapaċità żejda għas-sajd biex ikun żgurat li livelli ta' sforzi ta' sajd ma jaqbżux dawk proporzjonati mal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd;

(c) jinżammu jew ikunu rrestawrati popolazzjonijiet ta' speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti f'livelli li jekk jinqabżu r-riproduzzjoni tagħhom tista' tisfa mhedda serjament; u

(d) ikunu protetti l-ħabitats u l-ekosistemi tal-baħar li fihom ikun hemm riżorsi tas-sajd u speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti mill-impatti tas-sajd, inklużi miżuri biex ikunu evitati impatti ta' ħsara sinifikanti fuq ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, u miżuri kawtelatorji fejn ma jistax ikun determinat b'mod adegwat jekk ikunx hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar jew jekk is-sajd joħloqx impatti avversi b'mod sinifikanti fuq ekosistemi vulnerabbli tal-baħar.

2. Il-miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għandhom, skont il-każ, jinkludu li jkunu deċiżi:

(a) punti ta' referenza, inklużi punti ta' referenza kawtelatorja kif deskritti fl-Anness II tal-Ftehim tal-1995;

(b) l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu jekk dawk il-punti ta' referenza jintlaħqu jew jinqabżu;

(c) in-natura tas-sajd u kemm isir għal kull riżorsa tas-sajd, inkluż li jkun stabbilit qbid totali permissibbli jew sforz totali permissibbli ta' sajd;

(d) il-postijiet ġenerali u speċifiċi fejn is-sajd jista' jew ma jistax isir;

(e) il-perjodi li fihom is-sajd jista' jew ma jistax isir;

(f) il-limiti tad-daqs fir-rigward tal-qabda li tista' tinżamm; u

(g) ix-xorta ta' tagħmir tas-sajd, it-teknoloġija tas-sajd, jew il-prattika tas-sajd li jistgħu jintużaw waqt is-sajd.

3. Biex ikun stabbilit qbid totali permissibbli jew sforz totali permissibbli ta' sajd għal kull riżorsa tas-sajd skont il-paragrafu 2 (c), il-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

(a) l-istat u l-istadju ta' żvilupp tar-riżorsa tas-sajd;

(b) xejriet fis-sajd tar-riżorsa tas-sajd;

(c) il-qbid tal-istess riżorsa tas-sajd f'żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali fejn ikun rilevanti;

(d) allokazzjoni għal rimi u mwiet inċidentali;

(e) qbid ta' speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti u impatti fuq l-ekosistemi tal-baħar fejn tkun tinsab ir-riżorsa;

(f) fatturi ekoloġiċi u bijoloġiċi rilevanti li jillimitaw in-natura tar-riżorsi tas-sajd li tista' tinqabad;

(g) fatturi ambjentali rilevanti, inklużi interazzjonijiet trofiċi li jista' jkollhom effett fuq ir-riżorsa tas-sajd u fuq speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti; u

(h) skont il-każ, miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati minn organizzazzjonijiet intergovernattivi oħra.

Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid b'mod regolari l-qbid totali permissibbli jew l-isforz totali permissbbli ta' sajd stabbiliti għal kull riżorsa tas-sajd.

4. a) Għal riżorsa tas-sajd transżonali bejn iż-żona tal-Konvenzjoni u żona taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali ta' Stat Parti jew Stati Partijiet Kontraenti tal-kosta:

(i) il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd u miżuri oħra ta' konservazzjoni u ġestjoni, skont il-każ, għaż-żona tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istat Parti jew l-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati għandhom jikkooperaw fil-koordinazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 4 ta' din il-Konvenzjoni;

(ii) bil-kunsens espress tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, skont l-Anness III ta' din il-Konvenzjoni, u, skont il-każ, qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd li jkunu japplikaw mal-firxa kollha tar-riżorsa tas-sajd; u

(iii) fil-każ fejn Stat Parti Kontrattwali tal-kosta jew aktar ma jagħtix jew ma jagħtux il-kunsens għal qbid totali permissibbli jew għal sforz totali permissbbli ta' sajd li jkunu japplikaw mal-firxa kollha tar-riżorsa tas-sajd, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, skont kif jixraq, qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd li jkunu japplikaw fiż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta li jkunu taw il-kunsens u fiż-żona tal-Konvenzjoni. L-Anness III għandu japplika, *mutatis mutandis*, meta jkun stabbilit dan il-qbid totali permissibbli jew dan l-isforz totali permissbbli ta' sajd mill-Kummissjoni.

(b) Fil-każijiet koperti mis-subparagrafu (a) (ii) jew (a) (iii), jistgħu jkunu adottati miżuri kumplimentari oħra ta' konservazzjoni u ġestjoni biex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsa tas-sajd mal-firxa kollha tagħha. Biex dan il-paragrafu jitwettaq, jistgħu jkunu adottati miżuri bħal dawn, skont il-prinċipji ta' kompatibbiltà msemmija fl-Artikolu 4, mill-Kummissjoni għall-ibħra miftuħa u mill-Istat Parti jew mill-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati għaż-żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali; u mill-Kummissjoni, bil-kunsens tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati, għal miżuri li għandhom japplikaw mal-firxa kollha tar-riżorsa tas-sajd.

(c) Il-miżuri kollha ta' konservazzjoni u ġestjoni, inklużi qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd, adottati mill-Kummissjoni skont is-subparagrafi (a) (ii), (a) (iii) u (b) huma bla ħsara għad-drittijiet sovrani tal-Istati tal-kosta u ma jaffettwawhomx għall-fini tal-esplorazzjoni u l-isfruttament, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar f'żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali skont id-dritt internazzjonali, kif rifless fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tal-1982 u tal-Ftehim tal-1995, u f'ebda rigward ieħor ma jaffettwaw iż-żona ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni stabbilita bl-Artikolu 5.

5. a) Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri li għandhom ikunu applikati fuq bażi ta' emerġenza, skont l-Artikolu 16, inkluż b'mod intersessjonali, jekk ikun meħtieġ, fejn is-sajd jippreżenta theddida serja għas-sostenibbiltà ta' riżorsi tas-sajd jew għall-ekosistema tal-baħar fejn ikun hemm dawn ir-riżorsi tas-sajd, jew meta fenomenu naturali jew diżastru maħluq mill-bniedem iħallu, jew aktarx iħallu, impatt avvers b'mod sinifikanti fuq l-istat ta' riżorsi tas-sajd, biex ikun żgurat li s-sajd ma jharrax theddida jew impatt avvers bħal dawk.

(b) Miżuri meħudin fuq bażi ta' emerġenza għandhom jissejsu fuq l-aħjar provi xjentifiċi disponibbli. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu temporanji u għandhom jitqiesu mill-ġdid għal deċiżjoni fil-laqgħa li jkun imiss tal-Kummissjoni wara li jkunu ġew adottati. Il-miżuri għandhom isiru obbligatorji għall-membri tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17, il-paragrafu 1. Miżuri bħal dawn ma għandhomx ikunu suġġetti għall-proċedura ta' oġġezzjoni tal-Artikolu 17, il-paragrafu 2, iżda jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċeduri għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni.

6. Il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni għandhom ikunu żviluppati b'mod progressiv u integrati fi strateġiji jew pjanijiet ta' ġestjoni li jistabbilixxu l-objettivi għal kull riżorsa tas-sajd, il-punti ta' referenza li bihom jitkejjel il-progress b'rabta ma' dawk l-objettivi, l-indikaturi li għandhom jintużaw b'rabta ma' dawk il-punti ta' referenza u l-miżuri li għandhom jittieħdu bi tweġiba għal livelli indikaturi partikulari.

Artikolu 21

Parteċipazzjoni fis-sajd għal riżorsi tas-sajd

1. Meta tieħu deċiżjonijiet dwar il-parteċipazzjoni fis-sajd għal kull riżorsa tas-sajd, inkluża l-allokazzjoni ta' qbid totali permissibbli jew isforz totali permissbbli ta' sajd, il-Kummissjoni għandha tqis l-istat tar-riżorsa tas-sajd u l-livell eżistenti tal-isforz tas-sajd għal dik ir-riżorsa u l-kriterji li ġejjin sakemm ikunu rilevanti:

(a) il-qbid storiku u x-xejriet u l-linji ta' prattika fl-imgħoddi u t'issa fis-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni;

(b) il-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni skont din il-Konvenzjoni;

(c) il-ħila u r-rieda bil-provi fl-eżerċizzju effikaċi ta' kontroll tal-Istat tal-bandiera fuq bastimenti tas-sajd;

(d) il-kontribut għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd, inkluż l-għoti ta' dejta preċiża u monitoraġġ, kontroll, sorveljanza u infurzar effikaċi;

(e) l-aspirazzjonijiet għall-iżvilupp tas-sajd u l-interessi tal-Istati li qed jiżviluppaw, partikularment tal-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u ta' territorji u possessjonijiet fir-reġjun;

(f) L-interessi tal-Istati tal-kosta, u partikularment tal-Istati tal-kosta li qed jiżviluppaw u ta' territorji u possessjonijiet, f'riżorsa transżonali tas-sajd bejn żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Istati, territorji u possessjonijiet bħal dawn u ż-żona tal-Konvenzjoni;

(g) il-ħtiġijiet tal-Istati tal-kosta u ta' territorji u possessjonijiet li l-ekonomiji tagħhom huma dipendenti l-aktar fuq l-isfruttament ta' riżorsa transżonali tas-sajd u s-sajd għaliha bejn żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonal tal-Istati, territorji u possessjonijiet bħal dawn u ż-żona tal-Konvenzjoni;

(h) kemm membru tal-Kummissjoni jkun qed jutilizza l-qbid għal konsum domestiku u l-importanza tal-qbid għas-sigurtà tiegħu tal-ikel;

(i) il-kontribut għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli u esploratorju skont l-Artikolu 22; u

(j) il-kontribut għat-tmexxija ta' riċerka xjentifika fir-rigward ta' riżorsi tas-sajd u t-tixrid għall-pubbliku tar-riżultati ta' riċerka bħal dik.

2. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd għal kull riżorsa tas-sajd skont l-Artikolu 20, il-paragrafu 4(a) (ii) jew (iii), hija tista', bil-kunsens espress tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati, tieħu wkoll deċiżjonijiet dwar il-parteċipazzjoni fis-sajd għal dik ir-riżorsa mal-firxa rilevanti kollha tagħha.

3. Meta tieħu deċiżjonijiet skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis il-qbid storiku u x-xejriet u l-linji ta' prattika fis-sajd fl-imgħoddi u t'issa mal-firxa rilevanti tar-riżorsa tas-sajd konċernata u l-kriterji elenkati fil-paragrafu 1(b) – (j).

4. Meta l-kunsens tal-Istat Parti jew tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati ma jingħatax skont il-paragrafu 2:

(a) il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjonijiet, skont il-paragrafu 1, fir-rigward ta' allokazzjoni tal-porzjon tal-qbid totali permissibbli jew tal-isforz totali permissbbli ta' sajd stabbilit skont l-Artikolu 20, il-paragrafu 4(a) (i) li jista' jittieħed fiż-żona tal-Konvenzjoni; u

(b) il-Kummissjoni u l-Istat Parti jew l-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta konċernati għandhom jikkooperaw skont l-Artikolu 4.

5. Meta tieħu deċiżjonijiet skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' wkoll tqis, kif ikun jixraq, x'ikunu wettqu reġimi internazzjonali oħra ta' ġestjoni tas-sajd.

6. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, teżamina millġdid deċiżjonijiet dwar parteċipazzjoni fis-sajd għal riżorsi tassajd, inkluża l-allokazzjoni ta' qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta' sajd, waqt li tqis id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u l-interessi ta' Partijiet Kontraenti ġodda.

Artikolu 22

Sajd ġdid jew esploratorju

1. Żona tas-sajd li ma jkunx sar sajd fiha jew li ma jkunx sar sajd b'tip ta' rkaptu jew teknika partikulari għal għaxar snin jew aktar, għandha tinfetaħ biss żona tas-sajd jew tinfetaħ għassajd b'tip ta' rkaptu jew teknika bħal dawk biss meta l-Kummissjoni tkun adottat b'mod kawt miżuri preliminari ta' konservazzjoni u ġestjoni fir-rigward ta' dik iż-żona tas-sajd, u, skont il-każ, fir-rigward ta' speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti, u miżuri adatti biex tkun protetta l-ekosistema tal-baħar fejn tkun tinsab dik iż-żona minn impatti avversi ta' attivitajiet tas-sajd.

2. Miżuri preliminari bħal dawk ta' konservazzjoni u ġestjoni, li jistgħu jinkludu rekwiżiti fir-rigward ta' avviż ta' intenzjoni għal sajd, it-twaqqif ta' pjan ta' żvilupp, miżuri ta' mitigazzjoni biex ma jitħalliex ikun hemm impatti ta' ħsara fuq ekosistemi tal-baħar, l-użu ta' rkaptu partikulari tas-sajd, il-preżenza ta' osservaturi, il-ġbir ta' dejta u t-tmexxija ta' riċerka jew sajd esploratorju, għandhom ikunu konsistenti mal-objettiv u mal-prinċipji u ma' approċċi ta' konservazzjoni u ġestjoni ta' din il-Konvenzjoni. Il-miżuri għandhom jiżguraw li r-riżorsa ġdida tas-sajd tkun żviluppata fuq bażi kawtelatorja u bil-mod sakemm tinkiseb informazzjoni biżżejjed ta' għajnuna lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri dettaljati xierqa ta' konservazzjoni u ġestjoni.

3. Il-Kummissjoni tista', minn żmien għal żmien, tadotta miżuri minimi standard ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom japplikaw għal ta' xi wħud miż-żoni ġodda tas-sajd jew għalihom kollha qabel il-bidu tas-sajd f'żoni ġodda tas-sajd bħal dawn.

Artikolu 23

Ġbir, kumpilazzjoni u skambju ta' dejta

1. Biex tissaħħaħ il-bażi tal-informazzjoni għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi tas-sajd, speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar li fihom ikun hemm dawk ir-riżorsi, u biex ikun hemm kontribut għat-tneħħija jew għat-tnaqqis ta' sajd IUU u talimpatt negattiv tiegħu fuq dawn ir-riżorsi, il-Kummissjoni għandha, billi tqis b'mod sħiħ l-Anness I tal-Ftehim tal-1995, tiżviluppa standards, regoli u proċeduri għal, *inter alia*:

(a) il-ġbir, il-verifika u r-rapportar f'waqtu lill-Kummissjoni taddejta kollha rilevanti minn membri tal-Kummissjoni;

(b) il-kumpilazzjoni u l-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' dejta preċiża u kompleta biex tkun iffaċilitata l-valutazzjoni effikaċi tal-istokkijiet u jkun żgurat li jkun jista' jingħata l-aħjar parir xjentifiku;

(c) is-sigurtà tad-dejta, l-aċċess għaliha u t-tixrid tagħha waqt li tithares il-konfidenzjalità fejn ikun jixraq;

(d) l-iskambju ta' dejta fost il-membri tal-Kummissjoni u ma' organizzazzjoni reġjonali oħra ta' ġestjoni tas-sajd, u organizzazzjonijiet rilevanti oħra, inkluża dejta dwar bastimenti ingaġġati f'sajd IUU, u, skont il-każ, dwar il-proprjetà effettiva ta' bastimenti bħal dawn, bl-objettiv li tkun ikkonsolidata informazzjoni bħal din f'format ċentralizzat għal tixrid kif ikun xieraq;

(e) il-faċilitazzjoni ta' dokumentazzjoni koordinata u qsim ta' dejta bejn organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tassajd, inklużi proċeduri għal skambju ta' dejta dwar reġistri ta' bastimenti, dokumentazzjoni dwar qbid u skemi ta' intraċċjar ta' kummerċ fejn ikun japplika; u

(f) verifiki regolari ta' konformità tal-membri tal-Kummissjoni ma' rekwiżiti ta' ġbir u skambju ta' dejta, u biex ikun indirizzat kull nuqqas ta' konformità f'verifiki bħal dawn.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dejta tkun disponibbli b'mod pubbliku fir-rigward tal-għadd ta' bastimenti li jkunu qed joperaw fiż-żona tal-Konvenzjoni, l-istat ta' riżorsi tas-sajd ġestiti skont din il-Konvenzjoni, evalwazzjonijiet ta' riżorsi tassajd, programmi ta' riċerka fiż-żona tal-Konvenzjoni u inizjattivi ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali u globali.

Artikolu 24

Obbligi tal-membri tal-Kummissjoni

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu, fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni:

(a) jimplimenta din il-Konvenzjoni u kull miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, u jieħu kull miżura meħtieġa biex jiżgura l-effikaċja tagħhom;

(b) jikkoopera biex jinġieb 'il quddiem l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni;

(c) jieħu l-miżuri kollha meħtieġa bħala appoġġ għall-isforzi ta' prevenzjoni, iż-żamma u t-tneħħija ta' sajd IUU; u

(d) jiġbor, jivverifika u jirrapporta dejta xjentifika, teknika u ta' statistika ta' riżorsi tas-sajd u ta' ekosistemi tal-baħar fiżżona tal-Konvenzjoni, b'konformità mal-istandards, ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull sena u jindika kif ikun implimenta l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni u l-proċeduri ta' konformità u infurzar adottati mill-Kummissjoni. Fil-każ tal-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta, ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li jkunu ħadu għal riżorsi Transżonali tas-sajd li jkunu f'ibħra taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom maġemb iż-żona tal-Konvenzjoni, skont l-Artikolu 20, il-paragrafu 4, u l-Artikolu 4. Rapporti bħal dawn għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

3. Bla ħsara għas-supremazija tar-responsabbiltà tal-Istat tal-bandiera, sakemm ikun l-aktar possibbli, kull membru tal-Kummissjoni għandu jieħu miżuri u jikkoopera biex tkun żgurata l-konformità miċ-ċittadini tiegħu jew minn bastimenti tas-sajd proprjetà taċ-ċittadini tiegħu jew imħaddmin jew kontrollati minnhom mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u ma' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, u li jinvestiga immedjatament kwalunkwe vjolazzjoni allegata ta' dispożizzjonijiet u miżuri bħal dawn. Membri tal-Kummissjoni għandhom jagħtu rapporti dwar il-progress tal-investigazzjoni lill-Kummissjoni u lill-membri rilevanti tal-Kummissjoni f'intervalli regolari kif jixraq, sakemm id-dritt nazzjonali jippermettilhom, kif ukoll rapport finali dwar ir-riżultat meta l-investigazzjoni titlesta.

4. Sakemm il-liġijiet nazzjonali u r-regolamenti jippermettulhom, kull membru tal-Kummissjoni għandu jistabbilixxi arranġamenti biex tkun tista' tinkiseb mill-awtoritajiet prosekutriċi ta' membri oħra tal-Kummissjoni xhieda relatata ma' allegati vjolazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u ma' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, inkluża informazzjoni disponibbli dwar il-proprjetà effettiva ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu.

5. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jwettaq bil-bona fidi l-obbligi meħudin skont din il-Konvenzjoni u għandu jeżerċita d-drittijiet rikonoxxuti f'din il-Konvenzjoni b'mod li ma jikkostitwix abbuż ta' dritt.

Artikolu 25

Dmirijiet tal-Istati tal-Bandiera

1. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu:

(a) jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni u li bastimenti bħal dawn ma jagħmlux attivitá li timmina l-effikaċja ta' miżuri bħal dawn meta jkunu qed jaħdmu fiż-żona tal-Konvenzjoni;

(b) ma jagħmlux sajd mhux awtorizzat f'ibħra taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni;

(c) iġorru u jħaddmu tagħmir biżżejjed biex jikkonformaw ma' standards u proċeduri ta' sistemi ta' monitoraġġ ta' bastimenti adottati mill-Kummissjoni; u

(d) iħottu jew jagħmlu trażbord ta' riżorsi tas-sajd maqbudin fiż-żona tal-Konvenzjoni skont standards u proċeduri adottati mill-Kummissjoni.

2. Ebda membru tal-Kummissjoni ma għandu jħalli ebda bastiment li jkun intitolat li jtajjar il-bandiera tiegħu jintuża għas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni sakemm ma jkunx awtorizzat jagħmel hekk mill-awtorità jew awtoritajiet kompetenti ta' dak il-membru tal-Kummissjoni.

3. Kull membru tal-Kummissjoni għandu:

(a) jawtorizza l-użu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu għal sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni biss fejn huwa jkun jista' jeżerċita b'mod effikaċi r-responsabbiltajiet tiegħu fir-rigward ta' bastimenti bħal dawk skont din il-Konvenzjoni u skont id-dritt internazzjonali;

(b) iżomm reġistru ta' bastimenti tas-sajd li jkunu intitolati jtajru l-bandiera tiegħu u awtorizzati jistadu għal riżorsi tas-sajd, u jiżgura li, għall-bastimenti kollha bħal dawk, informazzjoni bħal dik li tkun speċifikata mill-Kummissjoni tiddaħħal f'dak ir-reġistru;

(c) b'konformità ma' miżuri adottati mill-Kummissjoni, jinvestiga immedjatament u jirrapporta b'mod sħiħ dwar azzjonijiet meħudin bi tweġiba għal kwalunkwe vjolazzjoni allegata minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ta' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni. Ir-rapportar għandu jinkludi rapporti dwar il-progress tal-investigazzjoni lill-Kummissjoni f'intervalli regolari kif jixraq, sakemm id-dritt nazzjonali jippermetti dan, kif ukoll rapport finali dwar ir-riżultat meta l-investigazzjoni titlesta;

(d) jiżgura li l-pieni applikabbli għal vjolazzjonijiet bħal dawn ikunu ta' severità kif jixraq, meqjusin fatturi rilevanti, inkluż il-valur tal-qbid, biex tinkiseb il-konformità, ikunu skuraġġuti aktar il-vjolazzjonijiet u biex l-awturi tar-reati jkunu mċaħħda mill-benefiċċji li jinkisbu mill-attivitajiet illegali tagħhom; u

(e) jiżgura partikularment li, fejn ikun ġie stabbilit, skont il-liġijiet tiegħu, li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jkun wettaq vjolazzjoni gravi tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni jew ta' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, il-bastiment konċernat jieqaf mill-attivitajiet tiegħu ta' sajd u ma jagħmilx attivitajiet bħal dawn fiż-żona tal-Konvenzjoni sakemm ikun issodisfa l-pieni kollha pendenti imposti mill-membru tal-Kummissjoni fir-rigward tal-vjolazzjoni.

4. Kull membru tal-Kummissjoni huwa inkuraġġit li jiżgura li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu joperaw fiż-żona tal-Konvenzjoni skont obbligi internazzjonali applikabbli, u fir-rigward ta' rakkomandazzjonijiet u linji gwida rilevanti, għas-sikurezza fuq il-baħar ta' bastimenti u l-ekwipaġġi tagħhom.

5. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jiżgura li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jagħmlu jew li jkunu bihsiebhom jagħmlu riċerka dwar riżorsi tas-sajd, jikkonformaw ma' kull proċedura stabbilita mill-Kummissjoni għat-tmexxija ta' riċerka xjentifika fiż-żona tal-Konvenzjoni.

Artikolu 26

Dmirijiet tal-Istat tal-Port

1. Stat Parti Kontraenti tal-port għandu d-dritt u d-dmir li jieħu miżuri, skont id-dritt internazzjonali, li jippromwovi l-effikaċja ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni subreġjonali, reġjonali u globali. Meta jieħu miżuri bħal dawn, Stat Parti Kontraenti tal-port ma għandux jiddiskrimina fil-forma jew fil-fatt kontra l-bastimenti tas-sajd ta' kull Stat.

2. Kull membru tal-Kummissjoni għandu:

(a) jimplimenta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni b'rabta mad-dħul fil-portijiet tiegħu u l-użu tagħhom minn bastimenti tas-sajd li jkun għamlu sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni, inkluż, *inter alia*, fir-rigward ta' ħatt u trażbord ta' riżorsi tas-sajd, spezzjoni ta' bastimenti tas-sajd, dokumenti, qbid u rkaptu abbord u użu ta' servizzi tal-port; u

(b) jagħti assistenza lil Stati tal-bandiera, skont kemm ikun raġonevolment prattiku u skont id-dritt nazzjonali tiegħu u d-dritt internazzjonali, meta bastiment tas-sajd ikun volontarjament fil-portijiet tiegħu u l-Istat tal-bandiera jitolbu jagħtih assistenza biex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

3. Fil-każ li membru tal-Kummissjoni jqis li bastiment tas-sajd li jkun qed jagħmel użu mill-portijiet tiegħu jkun kiser dispożizzjoni ta' din il-Konvenzjoni jew miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-Kummissjoni, huwa għandu javża lill-Istat tal-bandiera konċernat, lill-Kummissjoni u lil Stati rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra skont il-każ. Il-membru tal-Kummissjoni għandu jipprovdi lill-Istat tal-bandiera u, fejn ikun jixraq, lill-Kummissjoni b'dokumentazzjoni sħiħa dwar il-każ, inkluża kull reġistrazzjoni ta' spezzjoni.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jaffettwa l-eżerċizzju mill-Partijiet Kontraenti tas-sovranità tagħhom fuq portijiet fit-territorju tagħhom skont id-dritt internazzjonali.

Artikolu 27

Monitoraġġ, konformità u infurzar

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri kif jixraq ta' kooperazzjoni għal monitoraġġ, kontroll u sorveljanza effikaċi tas-sajd u tiżgura l-konformità ma' din il-Konvenzjoni u mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni, inkluż, *inter alia*:

(a) it-twaqqif u ż-żamma ta' reġistrazzjoni ta' bastimenti mill-Kummissjoni awtorizzati jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni, l-immarkar ta' bastimenti u rkaptu tas-sajd, ir-reġistrazzjoni ta' attivitajiet tas-sajd u r-rapportar ta' movimenti u attivitajiet ta' bastimenti permezz ta' sistema bis-satellita ta' monitoraġġ ta' bastimenti li għandha tkun imfassla li tiżgura l-integrità u s-sigurtà ta' trażmissjonijiet kważi f'ħin reali, inkluż permezz tal-possibbiltà ta' trażmissjonijiet diretti u simultanji, lill-Kummissjoni u lill-Istat tal-bandiera;

(b) programm ta' spezzjoni għal Partijiet Kontraenti, kemm fuq il-baħar kif ukoll fil-port, inklużi proċeduri għall-Partijiet Kontraenti li jitilgħu abbord u jispezzjonaw il-bastimenti ta' xulxin fiż-żona tal-Konvenzjoni, u proċeduri għal notifikazzjoni ta' spezzjoni ta' bastimenti u inġenji tal-ajru ta' Partijiet Kontraenti li jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-programm;

(c) regolamentazzjoni u superviżjoni ta' trażbord;

(d) miżuri mhux diskriminatorji relatati mas-suq, konsistenti mad-dritt internazzjonali, biex jagħmlu monitoraġġ ta' trażbord, ħatt l-art u kummerċ, biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw sajd IUU, inkluż, fejn ikun jixraq, skemi ta' dokumentazzjoni dwar qbid;

(e) rapportar ta' vjolazzjonijiet maqbuda, progress u riżultati ta' investigazzjonijiet, u azzjonijiet ta' infurzar meħudin; u

(f) li jkunu indirizzati attivitajiet tas-sajd IUU, inkluż li jkunu identifikati bastimenti li jagħmlu attivitajiet ta' sajd IUU, u billi jkunu adottati miżuri xierqa biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jkun eliminat sajd IUU, bħall-iżvilupp ta' lista ta' bastimenti IUU, biex sidien u operaturi ta' bastimenti li jagħmlu attivitajiet bħal dawn ikunu mċaħħdin mill-benefiċċji li jinkisbu minn dawn l-attivitajiet.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta proċeduri li bihom miżuri, inklużi miżuri relatati mal-kummerċ b'rabta ma' riżorsi tas-sajd, ikunu jistgħu jiġu applikati minn membri tal-Kummissjoni għal kwalunkwe Stat, membru tal-Kummissjoni, jew entità li l-bastimenti tagħhom tas-sajd jagħmlu attivitajiet ta' sajd li jnaqqsu mill-effikaċja tal-miżuri adottati mill-Kummissjoni ta' konservazzjoni u ġestjoni, jew li mod ieħor jonqsu milli jikkonformaw magħhom. Miżuri bħal dawn għandhom jinkludu firxa ta' tweġibiet possibbli biex tkun tista' titqies ir-raġuni għan-nuqqas ta' konformità u l-grad tagħha, u għandhom jinkludu, skont il-każ, inizjattivi ta' kooperazzjoni għall-formazzjoni ta' ħiliet. Kwalunkwe implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-kummerċ minn membru tal-Kummissjoni għandha tkun konsistenti mal-obbligi internazzjonali ta' dak il-membru, inklużi l-obbligi tiegħu skont il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

3. Jekk fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, il-Kummissjoni ma tkunx adottat fi spezzjoni fuq il-baħar proċeduri kif imsemmijin fil-paragrafu 1 (b), jew mekkaniżmu alternattiv, li b'mod effikaċi jaqdu l-obbligi tal-membri tal-Kummissjoni skont il-Ftehim tal-1995 u din il-Konvenzjoni biex tkun żgurata l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni, ikunu japplikaw l-Artikoli 21 u 22 tal-Ftehim tal-1995 bejn il-Partijiet Kontraenti daqslikieku dawk l-Artikoli kienu jagħmlu parti minn din il-Konvenzjoni, u t-tlugħ fuq bastimenti tas-sajd u l-ispezzjoni tagħhom fiż-żona, kif ukoll kull azzjoni ta' infurzar wara, għandhom isiru skont l-Artikoli 21 u 22 tal-Ftehim tal-1995, u skont dawk il-proċeduri prattiċi addizzjonali li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn l-Artikoli.

Artikolu 28

Programm ta' osservatur

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' osservatur, fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni jew f'dak il-perjodu li l-Kummissjoni tista' tiftiehem, biex tiġbor dejta verifikata dwar qbid u sforzi, dejta xjentifika oħra u informazzjoni addizzjonali b'rabta mal-attività tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni, u dwar l-impatti tagħha fuq l-ambjent tal-baħar. L-informazzjoni miġbura mill-programm ta' osservatur għandha, skont kif ikun xieraq, tintuża wkoll bħala appoġġ għall-funzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha, inkluż il-Kumitat ta' Konformità u Tekniku. Il-programm ta' osservatur għandu jkun koordinat mis-Segretarjat tal-Kummissjoni, u għandu jkun organizzat b'mod flessibbli li jqis in-natura tar-riżorsi tas-sajd u fatturi oħra rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tidħol f'kuntratti għall-għoti tal-programm ta' osservatur.

2. Il-programm ta' osservatur għandu jkun magħmul minn osservaturi indipendenti u imparzjali li jkunu ġejjin minn fornituri ta' programmi u servizzi akkreditati mill-Kummissjoni. Il-programm għandu jkun koordinat, sakemm jista' jkun l-aktar possibbli, ma' programmi ta' osservaturi reġjonali, subreġjonali u nazzjonali.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-programm ta' osservatur billi tqis il-parir tal-Kumitat Xjentifiku u tal-Kumitat ta' Konformità u Tekniku. Il-programm għandu jkun operat skont standards, regoli u proċeduri żviluppati mill-Kummissjoni, inklużi, *inter alia*:

(a) arranġamenti għat-tqegħid ta' osservaturi minn membru tal-Kummissjoni fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' membru ieħor tal-Kummissjoni bil-kunsens ta' dak il-membru;

(b) livelli li jkopru kif jixraq riżorsi differenti tas-sajd biex isir monitoraġġ u verifika tal-qbid, l-isforz, il-kompożizzjoni tal-qbid u dettalji oħra ta' operazzjonijiet tas-sajd;

(c) rekwiżiti għal ġbir, validazzjoni u rapportar ta' dejta u informazzjoni xjentifika rilevanti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni; u

(d) rekwiżiti biex ikunu żgurati s-sikurezza u t-taħriġ ta' osservaturi, għal akkomodazzjoni ta' sservaturi waqt li jkunu abbord il-bastimenti, u biex ikun żgurat li osservaturi jkollhom aċċess sħiħ għall-faċilitajiet u t-tagħmir kollu rilevanti u l-użu sħiħ tagħhom abbord il-bastiment biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod effikaċi.

Artikolu 29

Rapport annwali tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali, li għandu jinkludi dettalji ta' deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissjoni biex jinkiseb l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni. Ir-rapport għandu jagħti wkoll informazzjoni dwar azzjonijiet meħudin mill-Kummissjoni bi tweġiba għal kwalunkwe rakkomandazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti jew tal-FAO.

2. Kopji tar-rapport għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u għandhom jingħataw lis-Segretarju-ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lid-Direttur-Ġenerali tal-FAO.

Artikolu 30

Reviżjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni biex jintlaħaq l-objettiv ta' din il-Konvenzjoni u l-konsistenza ta' miżuri bħal dawn mal-prinċipji u l-approċċi tal-Artikolu 3. Reviżjonijiet bħal dawn jistgħu jinkludu eżami tal-effikaċja tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni nfisha u għandhom isiru mill-anqas kull ħames snin.

2. Il-Kummissjoni għandha tiffissa t-termini ta' referenza u metodoloġija ta' eżamijiet bħal dawn li għandhom jitwettqu skont kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni li għandha tkun iggwidata mill-aħjar prattika internazzjonali u għandhom jinkludu kontribut minn korpi sussidjarji kif jixraq u l-parteċipazzjoni ta' persuna jew persuni ta' kompetenza rikonoxxuta li jkunu indipendenti mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn kwalunkwe eżami bħal dan, inkluż permezz ta' emenda xierqa tal-miżuri tagħha ta' konservazzjoni u ġestjoni u tal-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tagħhom. Kwalunkwe proposta għal emenda tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni li toħroġ minn kwalunkwe eżami bħal dan għandha tkun ittrattata skont l-Artikolu 35.

4. Ir-riżultati ta' kwalunkwe eżami bħal dan għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku wara li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni.

Artikolu 31

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera, kif jixraq, ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra ta' ġestjoni tas-sajd, mal-FAO, ma' aġenziji speċjalizzati oħra tan-Nazzjonijiet Uniti, u ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra dwar affarijiet ta' interess reċiproku.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni jew ir-rakkomandazzjonijiet adottati minn organizzazzjoni reġjonali oħra ta' ġestjoni tas-sajd u minn organizzazzjonijiet intergovernattivi rilevanti oħra li għandhom kompetenza b'rabta maż-żona tal-Konvenzjoni, jew b'rabta ma' żoni maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni jew fir-rigward ta' riżorsi tal-baħar ħajjin partikulari, inklużi speċi mhux immirati u assoċjati jew dipendenti, u li jkollhom objettivi li jkunu konsistenti mal-objettiv ta' din il-Konvenzjoni u jappoġġjawh. Hija għandha tistinka biex tiżgura li d-deċiżjonijiet tagħha stess ikunu kompatibbli ma' miżuri jew rakkomandazzjonijiet ta' konservazzjoni u ġestjoni bħal dawn, u jappoġġjawhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tagħmel arranġamenti adatti għal konsultazzjoni, kooperazzjoni u kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra bħal dawn. B'mod partikulari għandha tara li tikkoopera ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra bil-għan li tnaqqas u maż-żmien telimina sajd IUU.

Artikolu 32

Min mhuwiex Parti

1. Membri tal-Kummissjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' bastimenti tas-sajd li jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni u li jtajru l-bandieri ta' Partijiet mhux Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni. Membri tal-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri, b'mod individwali jew kollettiv, konsistenti ma' din il-Konvenzjoni u mad-dritt internazzjonali biex ma jħallux attivitajiet ta' bastimenti bħal dawn jimminaw l-effikaċja ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli għaż-żona tal-Konvenzjoni, u għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kwalunkwe azzjoni meħuda bi tweġiba għal sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni minn Partijiet mhux Kontraenti.

2. B'kont meħud tal-Artikoli 116 sa 119 tal-Konvenzjoni tal-1982, il-membri tal-Kummissjoni, b'mod individwalu u kollettiv, jistgħu jiġbdu l-attenzjoni ta' kwalunkwe Stat jew entità tas-sajd li jkunu Parti mhux Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni għal kwalunkwe attività li fl-opinjoni tal-membru jew membri tal-Kummissjoni taffettwa l-implimentazzjoni tal-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

3. Membri tal-Kummissjoni għandhom, b'mod individwali jew kollettiv, jitolbu lil Partijiet mhux Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni biex isiru parti ta' din il-Konvenzjoni jew li jiftiehmu li jikkooperaw b'mod sħiħ fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

4. Membri tal-Kummissjoni, b'mod individwali jew konġunt, għandhom ifittxu l-kooperazzjoni ta' kwalunkwe Parti mhux Kontraenti li tkun ġiet identifikata bħala Stat ta' port jew Stat ta' suq rilevanti biex jiżguraw il-konformità mal-objettiv ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 33

Rabta ma' ftehimiet oħra

1. Xejn f'din il-Konvenzjoni ma għandu jkun ta' ħsara għad-drittijiet, il-ġuriżdizzjoni u d-dmirijiet ta' Partijiet Kontraenti skont dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali kif rifless fil-Konvenzjoni tal-1982 jew tal-Ftehim tal-1995.

2. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tibdel id-drittijiet u l-obbligi ta' Partijiet Kontraenti li joriġinaw minn Ftehimiet oħra kompatibbli ma' din il-Konvenzjoni u li ma jolqtux it-tgawdija minn Partijiet Kontraenti oħra tad-drittijiet tagħhom jew it-twettiq tal-obbligi tagħhom skont din il-Konvenzjoni.

Artikolu 34

Riżoluzzjoni ta' disputi

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkooperaw biex jipprevjenu d-disputi u għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex isibu riżoluzzjoni għal kwalunkwe disputa b'mezzi bonarji li jistgħu jinkludu, fejn disputa tkun ta' natura teknika, ir-riferiment tad-disputa lil bord espert *ad hoc*.

2. Fi kwalunkwe każ fejn disputa ma tkunx ġiet riżolta bil-mezzi stabbiliti fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni ta' disputi stabbiliti fit-Taqsima VIII tal-Ftehim tal-1995 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal kwalunkwe disputa bejn il-Partijiet Kontraenti.

3. Il-Paragrafu 2 ma għandux jolqot l-istatus ta' kwalunkwe Parti Kontraenti b'rabta mal-Ftehim tal-1995 jew mal-Konvenzjoni tal-1982.

Artikolu 35

Emendi

1. It-test ta' emendi proposti għandu jingħata lis-Segretarju Eżekuttiv mill-anqas 90 jum qabel laqgħa tal-Kummissjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċirkola mill-ewwel kopja ta' dan it-test lill-membri kollha tal-Kummissjoni.

2. Proposti bħal dawn ta' emenda għal din il-Konvenzjoni għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti preżenti u li jivvutaw fl-affermattiv jew fin-negattiv. Emendi adottat għandhom ikunu traż-messi mid-Depożitarju lill-Partijiet Kontraenti kollha mingħajr dewmien.

3. Emenda għandha jkollha effett għall-Partijiet Kontraenti mija u għoxrin jum wara d-data ta' trażmissjoni speċifikata fin-notifika mid-Depożitarju tal-wasla ta' notifika bil-miktub ta' approvazzjoni minn tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti kollha, sakemm xi Parti Kontraenti oħra ma tinnotifikax lid-Depożitarju li hija toġġezzjona għall-emenda fi żmien disgħin jum mid-data ta' trażmissjoni speċifikata fin-notifika mid-Depożitarju ta' dik il-wasla, f'liema każ l-emenda ma jkollhiex effett għal kwalunkwe Parti Kontraenti. Kwalunkwe Parti Kontraenti li tkun oġġezzjonat għal emenda tista fi kwalunkwe waqt tirtira dik l-oġġezzjoni. Jekk ikunu rtirati l-oġġezzjonijiet kollha għal emenda, l-emenda jkollha effett għall-Partijiet Kontraenti kollha mija u għoxrin jum wara d-data ta' trażmissjoni speċifikata fin-notifika mid-Depożitarju tal-wasla tal-aħħar oġġezzjoni rtirata.

4. Kull Stat, kull organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jew kull entità oħra msemmijin fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 (b), li jsiru Partijiet Kontraenti wara l-adozzjoni ta' emenda skont il-paragrafu 2, jitqiesu li jkunu marbutin bil-Konvenzjoni kif emendata ladarba dik l-emenda tkun daħlet fis-seħħ skont il-paragrafu 3.

5. Id-Depożitarju għandu jinnotifika mill-ewwel lill-Partijiet Kontraenti kollha bil-wasla ta' notifiki ta' approvazzjoni ta' emendi, bil-wasla ta' notifiki ta' oġġezzjoni jew ta' rtirar ta' oġġezzjonijiet, u bid-dħul fis-seħħ ta' emendi.

Artikolu 36

Iffirmar, ratifika, aċċettazzjoni u approvazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-firma minn:

(a) Stati, l-organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika u l-entitajiet oħra msemmijin fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 (b), li pparteċipaw fil-Konsultazzjonijiet Internazzjonali dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku; u

(b) kwalunkwe Stat ieħor jew kwalunkwe entità oħra msemmijin fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 (b), li għandhom ġurisdizzjoni fuq ibħra maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni;

u għandha tibqa' miftuħa għall-firma għal 12-il xahar mill-ewwel jum ta' Frar 2010.

2. Din il-Konvenzjoni hija suġġetta għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni tal-firmatarji.

3. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju.

Artikolu 37

Adeżjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-adeżjoni wara l-għeluq għall-firma, minn kwalunkwe Stat, organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jew entità oħra msemmijin fl-Artikolu 36, il-paragrafu 1, u minn kwalunkwe Stat ieħor jew minn kwalunkwe entità oħra msemmijin fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 (b), li jkollhom interess f'riżorsi tas-sajd.

2. L-istrumenti ta' adeżjoni għandhom ikunu ddepożitati mad-Depożitarju.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data li fiha jkun wasal għand id-Depożitarju t-tmien strument ta' ratifika, adeżjoni, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, li għandu jinkludi ratifika, adeżjoni, aċċettazzjoni jew approvazzjoni minn:

(a) mill-anqas tliet Stati tal-kosta maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni, li għandhom jinkludu rappreżentazzjoni kemm min-naħa taż-żona tal-Konvenzjoni li tkun tinsab fil-lvant tal-Meridjan 120° Punent, kif ukoll min-naħa taż-żona tal-Konvenzjoni li tkun tinsab fil-punent tal-Meridjan 120° Punent; u

(b) mill-anqas tliet Stati li ma jkunux Stati tal-kosta maġenb iż-żona tal-Konvenzjoni u li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni jew li jkunu stadu fiż-żona tal-Konvenzjoni.

2. Jekk fi żmien tliet snin mill-adozzjoni tagħha, din il-Konvenzjoni ma tkunx għadha daħlet fis-seħħ skont il-paragrafu 1, hija għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara d-depożitu tal-għaxar strument ta' ratifika, adeżjoni, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jew skont il-paragrafu 1, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

3. Għal kull firmatarju li jirratifika, jaċċetta jew japprova din il-Konvenzjoni wara li tkun daħlet fis-seħħ, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal dak il-firmatarju 30 jum wara d-depożitu tal-istrument tiegħu ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

4. Għal kull Stat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li jaderixxu f'din il-Konvenzjoni wara d-dħul tagħha fis-seħħ, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal dak l-Istat jew organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika 30 jum wara d-depożitu tal-istrument tagħhom ta' adeżjoni.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "sajd" jinkludi biss l-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 (g) (i) u (ii).

Artikolu 39

Id-Depożitarju

1. Il-Gvern ta' New Zealand għandu jkun id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni u ta' kull emenda għaliha. Id-Depożitarju għandu jibgħat kopji ċertifikati ta' din il-Konvenzjoni lill-firmatarji kollha u għandu jirreġistra din il-Konvenzjoni mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Id-Depożitarju għandu jgħarraf lill-firmatarji u lill-Partijiet Kontraenti kollha ta' din il-Konvenzjoni dwar firem u strumenti ta' ratifika, adeżjoni, aċċettazzjoni jew approvazzjoni depożitati skont l-Artikolu 36 jew 37 u dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u ta' emendi għaliha.

Artikolu 40

Parteċipazzjoni minn territorji

1. Il-Kummissjoni u l-korpi sussidjarji tagħha għandhom ikunu miftuħin għall-parteċipazzjoni, bl-awtorizzazzjoni xierqa tal-Parti Kontraenti li jkollha r-responsabbiltà għall-affarijiet interni tagħhom, minn territorji fir-reġjun li jkollhom interess f'riżorsi tas-sajd.

2. In-natura u l-livell ta' parteċipazzjoni minn territorji għandhom ikunu pprovduti mill-Partijiet Kontraenti b'regoli separati ta' proċedura tal-Kummissjoni, meqjus id-dritt internazzjonali, it-tqassim tal-kompetenza f'materji koperti minn din il-Konvenzjoni u l-evoluzzjoni fil-kapaċità ta' territorju bħal dak li jeżerċita drittijiet u responsabbiltajiet skont din il-Konvenzjoni. Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jipprovdu lil territorji d-dritt li jipparteċipaw b'mod sħiħ fix-xogħol tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha, ħlief id-dritt għall-vot jew għall-kunsens kollettiv dwar deċiżjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet.

3. Minkejja l-paragrafu 2, territorji kollha bħal dawn għandu jkunu intitolati li jkunu preżenti u li jitkellmu fil-laqgħat tal-Kummissjoni u tal-korpi sussidjarji tagħha. Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, u fit-teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis l-interessi tal-parteċipanti kollha.

Artikolu 41

Irtirar

1. Parti Kontraenti tista', b'avviż bil-miktub indirizzat lid-Depożitarju, tirtira minn din il-Konvenzjoni u tista' tindika r-raġunijiet tagħha. In-nuqqas ta' indikazzjoni ta' raġunijiet ma tolqotx il-validità tal-irtirar. L-irtirar għandu jkollu effett sena wara l-wasla tal-avviż, sakemm l-avviż ma jispeċifikax data aktar tard.

2. L-irtirar minn din il-Konvenzjoni ta' Parti Kontraenti ma għandux jaffettwa l-obbligi finanzjarji ta' dik il-Parti Kontraenti magħmulin qabel ma l-irtirar tagħha jsir effettiv.

3. L-irtirar minn din il-Konvenzjoni ta' Parti Kontraenti ma għandu bl-ebda mod jaffettwa d-dmir ta' dik il-Parti Kontraenti milli twettaq kawlunkwe obbligu inkorporat f'din il-Konvenzjoni li għalih tkun suġġetta skont id-dritt internazzjonali, indipendentement minn din il-Konvenzjoni.

Artikolu 42

Terminazzjoni

Din il-Konvenzjoni għandha tintemm ipso iure jekk u meta, minħabba rtirar, l-għadd ta' Partijiet Kontraenti jkun anqas minn erbgħa.

Artikolu 43

Riżervi

Ma jistgħu jsiru ebda riżervi jew eċċezzjonijiet għal din il-Konvenzjoni.

Artikolu 44

Dikjarazzjonijiet u stqarrijiet

L-Artikolu 43 ma jipprekludix lil Stat, organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jew entità msemmijin fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 (b), meta jiffirmaw, jirratifikaw jew jaċċedu għal din il-Konvenzjoni, milli jagħmlu dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet, ikunu x'ikunu l-kliem jew l-ismijet, bil-għan, *inter alia*, li jkunu armonizzati l-liġijiet u r-regolamenti tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, bil-kondizzjoni li dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet bħal dawn ma jkollhomx l-għan li jeskludu jew li jimmodifikaw l-effett legali tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni fl-applikazzjoni tagħhom għal dak l-Istat, organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jew entità.

Artikolu 45

Annessi

L-Annessi jifformaw parti integrali ta' din il-Konvenzjoni u, sakemm ma jkunx espressament ipprovdut mod ieħor, referenza għal din il-Konvenzjoni tinkludi referenza għall-Annessi relatati magħha.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

MAGĦMUL f'Auckland f'dan l-erbatax-il jum ta' Novembru, elfejn u disgħa, f'oriġinal wieħed.

ANNESS I

PARTIJIET TAŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI LI GĦALIHOM IL-KUMITATI SUBREĠJONALI TA' ĠESTJONI TAL-LVANT U TAL-PUNENT GĦANDHOM RESPONSABBILTAJIET

1. Il-Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni ta' Nofsinhar għandu jkun responsabbli biex ikunu żviluppati u rrakkomandati lill-Kummissjoni miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li tinsab fil-lvant tal-Meridjan 120° Punent.

2. Il-Kumitat Subreġjonali ta' Ġestjoni tal-Punent għandu jkun responsabbli biex ikunu żviluppati u rrakkomandati lill-Kummissjoni miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li tinsab fil-lvant tal-Meridjan 120° Punent.

ANNESS II

BORD TA' REVIŻJONI

Twaqqif

1. Il-Bord ta' Reviżjoni, li għandu jitwaqqaf skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 17, għandu jkun kostitwit kif ġej:

(a) Għandu jkun magħmul minn tliet membri maħturin mil-lista ta' esperti fil-qasam tas-sajd magħmula u miżmuma mill-FAO skont l-Anness VIII, Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-1982, jew minn lista simili miżmuma mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-lista miżmuma mis-Segretarju Eżekuttiv għandha tkun magħmula minn esperti li l-kompetenza tagħhom fl-aspetti legali, xjentifiċi u tekniċi tas-sajd koperti minn din il-Konvenzjoni tkun stabbilita u b'mod ġenerali rikonoxxuta u li jgawdu l-ogħla reputazzjoni għal sens ta' ġustizzja u integrità. Kull membru tal-Kummissjoni għandu jkun intitolat jinnomina sa ħames esperti u għandu jagħti informazzjoni dwar kwalifiki u esperjenza rilevanti ta' kull waħda mill-persuni nominati minnu.

(b) Il-President tal-Kummissjoni u l-membru tal-Kummissjoni li jkunu ppreżentaw oġġezzjoni għad-deċiżjoni għandhom kull wieħed jaħtru membru wieħed. L-isem tal-membru maħtur mill-membru tal-Kummissjoni li jkun oġġezzjona għandu jkun inkluż fin-notifika tal-oġġezzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv skont l-Artikolu 17, il-paragrafu 2 (a). L-isem tal-membru maħtur mill-President tal-Kummissjoni għandu jkun innotifikat lill-membru tal-Kummissjoni li jkun oġġezzjona fi żmien għaxart ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' oġġezzjoni.

(c) It-tielet membru għandu jinħatar fi żmien 20 jum mill-iskadenza tal-perjodu tal-oġġezzjoni bi ftehim bejn il-membru tal-Kummissjoni li jkun oġġezzjona u l-President tal-Kummissjoni, u ma għandux ikun ċittadin tal-membru tal-Kummissjoni li jkun oġġezzjona. Jekk ma jkunx hemm ftehim fi żmien dan il-perjodu dwar il-ħatra tat-tielet membru, il-ħatra għandha ssir mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ, sakemm ma jkunx hemm ftehim li l-ħatra ssir minn persuna oħra jew minn Stat terz.

(d) Il-Bord ta' Reviżjoni jitqies li jkun twaqqaf fid-data li fiha jinħatar it-tielet membru, u dan it-tielet membru għandu jippresiedi l-Bord ta' Reviżjoni.

2. Jekk aktar minn membru wieħed tal-Kummissjoni jippreżentaw oġġezzjoni għad-deċiżjoni għall-istess raġunijiet, jew fejn ikun hemm ftehim skont l-Artikolu 17, il-paragrafu 5 (d), li oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni magħmulin għal raġunijiet differenti jkunu jistgħu jiġu ttrattati mill-istess Bord ta' Reviżjoni, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jkun magħmul minn 5 membri mil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 (a), u għandu jkun kostitwit kif ġej:

(a) Membru wieħed għandu jinħatar, skont il-paragrafu 1 (b), mill-membru tal-Kummissjoni li jkun ippreżenta l-ewwel oġġezzjoni, żewġ membri għandhom jinħatru mill-President tal-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem mill-iskadenza tal-perjodu ta' oġġezzjoni, membru wieħed għandu jinħatar bi ftehim bejn il-membri tal-Kummissjoni li jkunu oġġezzjonaw wara fi żmien 15-il jum mill-iskadenza tal-perjodu ta' oġġezzjoni, u membru wieħed għandu jinħatar bi ftehim bejn il-membri kollha tal-Kummissjoni li jkunu oġġezzjonaw u l-President tal-Kummissjoni fi żmien 20 jum mill-iskadenza tal-perjodu ta' oġġezzjoni. Jekk fi żmien dawn l-aħħar żewġ perjodi, skont il-każ, ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim fuq ebda waħda mill-aħħar żewġ ħatriet, il-ħatra jew il-ħatriet li dwarhom ma jkunx intlaħaq ftehim għandha ssir jew għandhom isiru mis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ, sakemm ma jkunx hemm ftehim li l-ħatra jew il-ħatriet issir jew isiru minn persuna oħra jew Stat terz.

(b) Il-Bord ta' Reviżjoni jitqies li jkun twaqqaf fid-data li fija jkun inħatar l-aħħar membru. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jkun ippresedut mill-membru maħtur bi Ftehim bejn il-membri kollha tal-Kummissjoni li jkunu oġġezzjonaw u l-President tal-Kummissjoni skont is-subparagrafu (a).

3. Kwalunkwe post vakanti f'Bord ta' Reviżjoni għandu jimtela bil-mod deskritt għall-ewwel ħatra.

Funzjonament

4. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu stess ta' proċedura.

5. Għandha tissejjaħ seduta f'post u f'data li għandhom ikunu ffissati mill-Bord ta' Reviżjoni fi żmien 30 jum mit-twaqqif tiegħu.

6. Kwalunkwe membru tal-Kummissjoni jista' jissottometti memorandum lill-Bord ta' Reviżjoni dwar l-oġġezzjoni li tkun qed tiġi riveduta u l-bord għandu jagħti lil kull membru bħal dan tal-Kummissjoni opportunità sħiħa li jinstema'.

7. Sakemm il-Bord ta' Reviżjoni ma jiddeċidix mod ieħor minħabba ċ-ċirkostanzi partikulari tal-każ, l-ispejjeż tal-Bord ta' Reviżjoni, inkluża r-remunerazzjoni tal-membri tiegħu, jitħallsu kif ġej:

(a) 70 fil-mija għandhom jitħallsu mill-membru tal-Kummissjoni li joġġezzjona, jew jekk ikun hemm aktar minn membru wieħed tal-Kummissjoni li joġġezzjona, jinqasmu ugwalment bejniethom; u

(b) 30 fil-mija għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni mill-baġit annwali tagħha.

8. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom ikunu adottati b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Kwalunkwe membru tal-Bord jista' jehmeż opinjoni separata jew ta' nuqqas ta' qbil. Kwalunkwe deċiżjoni dwar il-proċedura tal-Bord ta' Reviżjoni għandha tittieħed ukoll b'maġġoranza tal-membri tiegħu.

9. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu, fi żmien 45 jum mit-twaqqif tiegħi, jibgħat il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Segretarju Eżekuttiv skont l-Artikolu 17, il-paragrafu 5.

Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

10. Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom ikunu ttrattati kif ġej:

Konklużjonijiet dwar Diskriminazzjoni

(a) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha kienet ippreżentata oġġezzjoni tiddiskrimina fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw, u l-miżuri alternattivi jkollhom effett ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni, il-miżuri alternattivi għandhom jitqiesu ekwivalent għad-deċiżjoni u li jkunu obbligatorji għall-membru jew għall-membri rilevanti tal-Kummissjoni b'sostituzzjoni tad-deċiżjoni.

(b) Bla ħsara għas-subparagrafi (d) u (e), jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni tiddiskrimina fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw u l-miżuri alternattivi jkunu fil-fatt ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni, bla ħsara għal modifiki speċifiċi, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jirrakkomanda modifiki bħal dawn. Malli jirċievu l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni, il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw għandhom, fi żmien 60 jum, jimmodifikaw il-miżuri alternattivi rilevanti kif ikun ġie rrakkomandat mill-Bord ta' Reviżjoni jew jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni. Il-miżuri alternattivi għandhom jitqiesu li jkunu ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata oġġezzjoni meta jkunu mmodifikati kif irrakkomandat mill-Bord ta' Reviżjoni. Miżuri alternattivi bħal dawn għandhom imbagħad ikunu obbligatorji għall-membru jew għall-membri rilevanti tal-Kummissjoni fil-forma modifikata b'sostituzzjoni għad-deċiżjoni. Jekk il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw jagħżlu li jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni, imbagħad la d-deċiżjoni u lanqas il-miżuri alternattivi modifikati ma għandhom ikunu obbligatorji għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw sakemm ikunu ttieħdu deċiżjonijiet f'dawk il-proċedimenti.

(c) Bla ħsara għas-subparagrafi (d) u (e), jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni tiddiskrimina b'mod mhux ġustifikat fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw, iżda li l-miżuri alternattivi ma jkollhomx effett ekwivalenti għad-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni, il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw għandhom, fi żmien 60 jum, jadottaw miżuri rrakkomandati mill-Bord ta' Reviżjoni bħala ekwivalenti fil-fatt għad-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni, jew jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni. Jekk il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw jadottaw il-miżuri rrakkomandati mill-Bord ta' Reviżjoni dawn il-miżuri għandhom jitqiesu li jkunu obbligatorji għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw b'sostituzzjoni għad-deċiżjoni. Jekk il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw jagħżlu li jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni, imbagħad la d-deċiżjoni u lanqas kwalunkwe miżura rrakkomandata mill-Bord ta' Reviżjoni ma għandha tkun obbligatorja għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw sakemm ikunu ttieħdu deċiżjonijiet f'dawk il-proċedimenti.

(d) Fejn il-Bord ta' Reviżjoni jagħmel konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet skont is-subparagrafi (b) jew (c), il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw jistgħu, fi żmien 30 jum mid-data li fiha tintbagħat in-notifika ta' dawk il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, jitolbu laqgħa straordinarja tal-Kummissjoni. Il-Laqgħa Straordinarja għandha tissejjaħ mill-President fi żmien 45 jum mill-wasla ta' talba bħal dik.

(e) Jekk il-Laqgħa Straordinarja msejħa skont is-subparagrafu (d) tikkonferma jew timmodifika r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni, il-perjodu ta' 60 jum, skont is-subparagrafi (b) jew (c), kif ikun jixraq, biex ikunu implimentati dawk il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet f'forma oriġinali jew modifikata, jew biex ikunu istitwiti proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi, għandu jibda jgħaddi mid-data li fiha tkun intbagħtet id-deċiżjoni tal-Laqgħa Straordinarja. Jekk il-Laqgħa Straordinarja tal-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tikkonfermax jew li ma timmodifikax ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni iżda li tirrevoka d-deċiżjoni li għaliha tkun ġiet ippreżentata oġġezzjoni u tissostitwiha b'deċiżjoni ġdida jew b'verżjoni modifikata tad-deċiżjoni oriġinali, id-deċiżjoni l-ġdida jew modifikata għandha ssir obbligatorja għall-membri tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17.

Konklużjonijiet dwar Inkonsistenza

(f) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni tkun inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni, mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, għandha tissejjaħ Laqgħa Straordinarja tal-Kummissjoni mill-President fi żmien 45 jum min-notifika tal-konklużjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni biex titqies id-deċiżjoni fid-dawl ta' dawk il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

(g) Jekk il-Laqgħa Straordinarja tal-Kummissjoni tirrevoka d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni u tibdilha b'deċiżjoni ġdida, jew b'verżjoni modifikata tad-deċiżjoni ta' qabel, id-deċiżjoni l-ġdida jew modifikata għandha ssir obbligatorja għall-membri tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17.

(h) Jekk il-Laqgħa Straordinarja tal-Kummissjoni tikkonferma d-deċiżjoni oriġinali tagħha, il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw għandhom, fi żmien 45 jum, jimplimentaw id-deċiżjoni jew jibdew proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni. Jekk il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezz-jonaw jagħżlu li jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni, id-deċiżjoni ma għandhiex tkun obbligatorja għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw sakemm ikunu ttieħdu deċiżjonijiet f'dawk il-proċedimenti.

Konklużjonijiet dwar Nuqqas ta' Ġustifikazzjoni ta' Oġġezzjoni

(i) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni ma tiddiskriminax fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw u ma tkunx inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni jew mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw għandhom, bla ħsara għas-subparagrafu (j), fi żmien 45 jum, jimplimentaw id-deċiżjoni jew jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni. Jekk il-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw jagħżlu li jistitwixxu proċedimenti għar-riżoluzzjoni ta' disputi skont din il-Konvenzjoni, id-deċiżjoni ma għandhiex tkun obbligatorja għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw sakemm ikunu ttieħdu deċiżjonijiet f'dawk il-proċedimenti.

(j) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni jsib li d-deċiżjoni li għaliha tkun ippreżentata oġġezzjoni ma tiddiskriminax fil-forma jew fil-fatt kontra l-membru jew il-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw u ma tkunx inkonsistenti ma' din il-Konvenzjoni jew mal-Konvenzjoni tal-1982 jew mal-Ftehim tal-1995, iżda li l-miżuri alternattivi jkunu fil-fatt ekwivalenti għad-deċiżjoni u jkollhom ikunu aċċettati kif ikunu mill-Kummissjoni, il-miżuri alternattivi għandhom ikunu obbligatorji għall-membru jew għall-membri tal-Kummissjoni li joġġezzjonaw b'sostituzzjoni tad-deċiżjoni sakemm ikun hemm konferma tal-aċċettazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni fil-laqgħa tagħha li jkun imiss.

ANNESS III

PROĊEDURI GĦALL-ISTABILIMENT U L-IMPLIMENTAZZJONI TA’ QBID TOTALI PERMISSIBBLI JEW TA’ SFORZ TOTALI PERMISSBBLI TA’ SAJD GĦAL RIŻORSA TRANSŻONALI TAS-SAJD META APPLIKATI MAL-FIRXA TAGĦHA KOLLHA

1. Skont l-Artikoli 23 u 24, l-Istati Partijiet Kontraenti tal-kosta u l-membri tal-Kummissjoni li l-bastimenti tas-sajd tagħhom għar-riżorsa transżonali tas-sajd f’żoni taħt ġuriżdizzjoni nazzjonali jew f’ibħra miftuħa fiż-Żona tal-Konvenzjoni maġenbhom għandhom jipprovdu d-dejta rilevanti kollha xjentifika, teknika u ta’ statistika fir-rigward ta’ riżorsi tas-sajd bħal dawn lill-Kummissjoni biex jitqiesu mill-Kumitat Xjentifiku u, skont il-każ, mill-Kumitat ta’ Konformità u Tekniku.

2. Skont l-Artikolu 10, il-Kumitat Xjentifiku għandu jivvaluta l-istatus tar-riżorsa transżonali tas-sajd fil-firxa kollha tagħha u jagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Subreġjonali ta’ Ġestjoni rilevanti dwar qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli xierqa ta’ sajd għar-riżorsa mal-firxa kollha tagħha. Parir bħal dan għandu jinkludi, fejn ikun possibbli, stimi ta’ kemm l-iffissar ta’ qbid totali permissibbli jew ta’ sforz totali permissbbli ta’ sajd f’livelli differenti jiksbu l-objettiv jew l-objettivi ta’ kwalunkwe strateġija jew pjan ta’ ġestjoni adottati mill-Kummissjoni.

3. Skont l-Artikolu 12, u abbażi tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku u ta’ kwalunkwe parir rilevanti tal-Kumitat ta’ Konformità u Tekniku, il-Kumitat Subreġjonali ta’ Ġestjoni rilevanti għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta’ sajd għar-riżorsa tas-sajd fil-firxa kollha tagħha u dwar miżuri xierqa biex ikun żgurat li l-qbid totali permissibbli jew l-isforz totali permissbbli ta’ sajd ma jinqabżux.

4. Skont l-Artikoli 16 u 20, il-Kummissjoni, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u l-parir tal-Kumitat Xjentifiku u tal-Kumitat Subreġjonali ta’ Ġestjoni rilevanti u ta’ kwalunkwe parir rilevanti tal-Kumitat ta’ Konformità u Tekniku, għandha tiffissa qbid totali permissibbli jew sforz totali permissbbli ta’ sajd għar-riżorsa tas-sajd fil-firxa kollha tagħha u tadotta miżuri xierqa biex ikun żgurat li l-qbid totali permissibbli jew l-isforz totali permissbbli ta’ sajd ma jinqabżux.

5. Dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta’ Trachurus murphyi (sawrell), il-Kummissjoni għandha, skont l-Artikolu 20, u kif ikun xieraq, tqis l-ewwel nett li tiffissa qbid totali permissibbli, bla ħsara għal kwalunkwe miżuri oħra ta’ konservazzjoni u ġestjoni li hija tqis xierqa li tadotta biex tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta’ din ir-riżorsa tas-sajd.

ANNESS IV

ENTITAJIET TAS-SAJD

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, kwalunkwe entità tas-sajd li l-bastimenti tagħha stadu jew ki jkunu biħsiebhom jistadu għal riżorsi tas-sajd tista', bi strument bil-miktub ikkonsenjat lid-Depożitarju, tesprimi l-impenn sod tagħha li tħares it-termini ta' din il-Konvenzjoni u li tkun konformi ma' kwalunkwe miżura ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata skontha. Impenn bħal dan għandu jkun effettiv 30 jum mid-data tal-wasla tal-istrument. Kwalunkwe entità tas-sajd bħal din tista' tirtira impenn bħal dan b'avviż notifikat lid-Depożitarju. L-irtirar għandu jkun effettiv sena wara d-data tal-wasla tiegħu, sakemm l-avviż notifikat ma jispeċifikax data aktar wara.

2. Kwalunkwe entità tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq tista' bi strument bil-miktub ikkonsenjat lid-depożitarju, tesprimi l-impenn sod tagħha li tħares it-termini tal-Konvenzjoni kif din tista' tkun emendata skont l-Artikolu 35(3). Dan l-impenn għandu jkun effettiv mid-dati msemmijin fl-Artikolu 35(3) jew fid-data tal-wasla tal-komunikazzjoni bil-miktub imsemmija f'dan il-paragrafu, skont liema minnhom jiġi wara.

3. Entità tas-sajd li tkun esprimiet l-impenn sod tagħha li tħares it-termini ta' din il-Konvenzjoni u li tkun konformi mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati skont il-paragrafu 1, għandha tħares l-obbligi tal-membri tal-Kummissjoni, u tkun tista' tieħu sehem fix-xogħol, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet, tal-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni. Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, referenzi għall-Kummissjoni jew għall-membri tal-Kummissjoni jinkludu entità tas-sajd bħal din.

4. Jekk disputa tinvolvi entità tas-sajd li tkun esprimiet l-impenn tagħha li tintrabat bit-termini ta' din il-Konvenzjoni skont dan l-Anness u d-disputa ma tkunx tista' tiġi riżolta b'mezzi bonarji, hija għandha, fuq talba ta' kwalunkwe parti fid-disputa, tkun sottomessa għal arbitraġġ finali u vinkolanti skont ir-regoli rilevanti tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness relatati mal-parteċipazzjoni ta' entità tas-sajd huma biss għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT